IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.10.2019
COM(2019) 482 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji fir-rigward tal-emendar tal-Konvenzjoni

Abbozz

DEĊIŻJONI Nru … TAL-KUMITAT KONĠUNT PAN-EWRO-MEDITERRAN

dwar

l-emendar tal-Konvenzjoni dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji

IL-KUMITAT KONĠUNT PAN-EWRO-MEDITERRAN,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3)(a) tagħha,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji li ġiet iffirmata fi Brussell fil-15 ta' Ġunju 2011 ("il-Konvenzjoni") daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012.

(2) Il-Konvenzjoni ġiet konkluża abbażi ta' netwerk ta' Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles. Tipprovdi qafas multilaterali ta' regoli ta' oriġini li jippermettu akkumulazzjoni djagonali, li tapplika mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti.

(3) Il-Konvenzjoni ġiet konkluża filwaqt li tqies li r-regoli tal-oriġini se jkollhom jiġu emendati sabiex jirrispondu aħjar għar-realtà ekonomika.

(4) Il-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni qablu dwar l-emenda għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, inklużi l-Appendiċijiet tagħha, sabiex jiġi previst sett ġdid ta' regoli ta' oriġini li huma modernizzati u aktar flessibbli.

(5) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji hija emendata kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-emendi għall-Konvenzjoni għandhom isiru applikabbli fl-[1 ta' Jannar 2021] fost il-Partijiet Kontraenti li jkunu introduċew dawn l-emendi għall-Konvenzjoni, jew ir-referenza għalihom, b'mod effettiv fil-protokolli tagħhom dwar ir-regoli tal-oriġini.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President

ANNESS

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji għandu jinqara kif ġej:

"Artikolu 1

1. Din il-Konvenzjoni tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini ta' merkanzija li jsir kummerċ fiha skont il-Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti.

2. Il-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva relatati miegħu huma stabbiliti fl-Appendiċijiet ta' din il-Konvenzjoni.

L-Appendiċi I jistabbilixxi regoli għad-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva.

L-Appendiċi II jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali li kienu miftiehma qabel l-01.01.2019 u li huma applikabbli bejn ċerti Partijiet Kontraenti u li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stipulati fl-Appendiċi I.

Dispożizzjonijiet speċjali applikabbli bejn ċerti Partijiet Kontraenti u li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi I li kienu miftiehma qabel l-01.01.2019 iżda li ma ġewx inklużi fl-Appendiċi II jibqgħu validi.

3. Għad-derogi miftiehma qabel l-01.01.2019:

(a) Il-Partijiet Kontraenti jistgħu japplikaw fil-kummerċ bilaterali ta' bejniethom dispożizzjonijiet speċjali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stipulati fl-Appendiċi I, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet speċjali jkunu skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT).

(b) Il-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu lill-President tal-Kumitat Konġunt verżjoni bl-Ingliż jew bil-Franċiż tal-ftehim bejn il-Partijiet Kontraenti li jkun fiha d-dispożizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu (a), kif ukoll ittra ta' akkumpanjament bl-Ingliż jew bil-Franċiż li tindika d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni PEM li għaliha jidderoga l-ftehim.

(c) Id-dispożizzjonijiet speċjali msemmija f'(a) ma għandhomx jidħlu fis-seħħ qabel tmiem ix-xahar kalendarju ta' wara x-xahar li fih il-Partijiet Kontraenti jkunu pprovdew lill-President tal-Kumitat Konġunt l-informazzjoni mitluba msemmija f'(b).

(d) Il-President tal-Kumitat Konġunt għandu jinnotifika din l-informazzjoni lill-Partijiet Kontraenti l-oħra kollha u għandu jinforma lill-Partijiet Kontraenti msemmija f'(b) b'dik in-notifika.

4. Dawn li ġejjin huma Partijiet Kontraenti għal din il-Konvenzjoni:

- l-Unjoni Ewropea,
- l-Istati tal-EFTA kif elenkati fil-Preambolu,
- ir-Renju tad-Danimarka fir-rigward tal-Gżejjer Faroe,
- il-parteċipanti fil-Proċess ta' Barċellona kif elenkati fil-Preambolu,
- il-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea kif elenkati fil-Preambolu, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja wara l-adeżjoni tagħha mal-UE,
- ir-Repubblika tal-Moldova,

- il-Georgia,

- l-Ukrajna.

5. Parti terza li tkun saret Parti Kontraenti skont l-Artikolu 5 tiżdied awtomatikament ma’ § 4.”

Artikolu 2

L-Artikolu 2 (1) tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji għandu jinqara kif ġej:

“ (1) “Parti Kontraenti” tfisser dawk elenkati fl-Artikolu 1(4);”

Artikolu 3

L-ittra (a) tal-paragrfu 3 tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji għandha tinqara kif ġej:

“(a) Emendi għall-Konvenzjoni;”

Artikolu 4

Il-paragrafu 9 tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji għandu jinqara kif ġej:

“9. Mid-data tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt imsemmi fil-paragrafu 4, il-parti terza kkonċernata tista’ tiġi rrappreżentata bi status ta’ osservatur fil-Kumitat Konġunt u fi kwalunkwe sottokumitat u grupp ta’ ħidma.”

Artikolu 5

L-Appendiċi I u l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji għandhom jinqraw kif ġej:

“Appendiċi I

ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA’ “PRODOTTI ORIĠINARJI” U L-METODI TA’ KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

WERREJ

TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 Definizzjonijiet

TITOLU II DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA’ PRODOTTI ORIĠINARJI

Artikolu 2 Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 3 Prodotti miksuba għalkollox

Artikolu 4 Ħidma jew ipproċessar suffiċjenti

Artikolu 5 Regola tat-tolleranza

Artikolu 6 Ħidma jew ipproċessar insuffiċjenti

Artikolu 7 Akkumulazzjoni tal-oriġini

Artikolu 8 Akkumulazzjoni tal-oriġini – Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha

Artikolu 9 Unità tal-kwalifika

Artikolu 10 Settijiet

Artikolu 11 Elementi newtrali

Artikolu 12 Segregazzjoni tal-kontabbiltà

TITOLU III REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 13 Prinċipju tat-territorjalità

Artikolu 14 Nonalterazzjoni

Artikolu 15 Wirjiet

TITOLU IV RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

Artikolu 16 Rifużjoni tad-dazji doganali jew eżenzjoni minnhom

TITOLU V PROVA TAL-ORIĠINI

Artikolu 17 Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 18 Kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini

Artikolu 19 Esportatur approvat

Artikolu 20 Proċedura għall-ħruġ ta’ ċertifikat tal-moviment EUR.1

Artikolu 21 Ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament

Artikolu 22 Ħruġ ta’ kopja ta’ ċertifikat tal-moviment EUR.1

Artikolu 23 Validità tal-prova tal-oriġini

Artikolu 24 Żoni ħielsa

Artikolu 25 Rekwiżiti tal-importazzjoni

Artikolu 26 Importazzjoni gradwali

Artikolu 27 Eżenzjoni mill-provi tal-oriġini

Artikolu 28 Diskrepanzi u żbalji formali

Artikolu 29 Dikjarazzjonijiet tal-fornitur

Artikolu 30 Ammonti espressi f'euro

TITOLU VI PRINĊIPJI TA' KOOPERAZZJONI U EVIDENZA DOKUMENTATA

Artikolu 31 Evidenza dokumentata, preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u dokumenti ta' prova

Artikolu 32 Riżoluzzjoni tat-tilwim

TITOLU VII KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 33 Notifika u kooperazzjoni

Artikolu 34 Verifika tal-provi tal-oriġini

Artikolu 35 Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

Artikolu 36 Penali

TITOLU VIII APPLIKAZZJONI TAL-PROTOKOLL

Artikolu 37 Iż-Żona Ekonomika Ewropea

Artikolu 38 Il-Liechtenstein

Artikolu 39 Ir-Repubblika ta' San Marino

Artikolu 40 Il-Prinċipat ta' Andorra

Artikolu 41 Ceuta u Melilla

Lista tal-Annessi

ANNESS I: Noti introduttorji għal-lista fl-Anness II

ANNESS II: Lista tal-ħidma jew tal-ipproċessar li jeħtieġ isiru fuq materjali mhux oriġinarji biex il-prodott maħdum jikseb status oriġinarju

ANNESS III: Test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini

ANNESS IV: Eżempji ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 u ta' applikazzjoni għal ċertifikat tal-moviment EUR.1

ANNESS V: Kundizzjonijiet speċjali dwar il-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla

ANNESS VI: Dikjarazzjoni tal-fornitur

ANNESS VII: Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul

ANNESS VIII: Lista tal-Partijiet Kontraenti li jkunu għażlu li jestendu l-applikazzjoni tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 7 fuq l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni:

(a) “kapitoli”, “intestaturi” u “subintestaturi” jfissru l-kapitoli, l-intestaturi u s-subintestaturi (kodiċi b’erbgħa jew sitt ċifri) użati fin-nomenklatura li tifforma s-Sistema Armonizzata bil-bidliet skont ir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta’ Ġunju 2004 tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali;

(b) “klassifikat” tirreferi għall-klassifikazzjoni ta’ merkanzija taħt intestatura jew subintestatura partikolari tas-Sistema Armonizzata;

(c) “kunsinna” tfisser prodotti li:

- jintbagħtu simultanjament mingħand esportatur wieħed lil destinatarju wieħed; jew

- ikunu koperti minn dokument uniku tat-trasport li jkopri t-trasportazzjoni tagħhom mingħand l-esportatur lejn id-destinatarju jew, fin-nuqqas ta’ dokument bħal dan, b’fattura unika;

(d) “l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti” għall-Unjoni Ewropea tfisser kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(e) “valur doganali” tfisser il-valur kif iddeterminat skont il-Ftehim tal-1994 dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tad-WTO dwar il-Valutazzjoni Doganali);

(f) “prezz mill-fabbrika” tfisser il-prezz imħallas għall-prodott mill-fabbrika lill-manifattur fil-Parti Kontraenti li fl-impriża tagħha jsiru l-ħidma jew l-ipproċessar tal-aħħar, diment li l-prezz ikun jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati u l-kostijiet kollha l-oħra relatati mal-produzzjoni tiegħu, mingħajr kwalunkwe taxxa interna li titħallas lura jew li tista’ titħallas lura meta l-prodott miksub jiġi esportat. Jekk l-aħħar ħidma jew ipproċessar ikunu ngħataw b’sottokuntratt lil manifattur, it-terminu “manifattur” jirreferi għall-impriża li tkun impjegat lis-sottokuntrattur.

Jekk il-prezz effettiv li jitħallas ma jkunx jirrifletti l-kostijiet kollha relatati mal-manifattura tal-prodott li jiġġarrbu effettivament mill-Parti Kontraenti, il-prezz mill-fabbrika jkun ifisser l-għadd totali ta’ dawn il-kostijiet kollha, mingħajr kwalunkwe taxxa interna li titħallas lura jew li tista’ titħallas lura meta l-prodotti miksub jiġi esportat;

(g) “materjali funġibbli” jew “prodotti funġibbli” jfissru materjali jew prodotti tal-istess tip u kwalità kummerċjali, li għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ma jistgħux jintgħarfu minn xulxin;

(h) “merkanzija” tfisser kemm il-materjali kif ukoll il-prodotti;

(i) “manifattura” hija kwalunkwe tip ta’ ħidma jew ipproċessar inkluż l-immuntar;

(j) “materjal” tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., li jintużaw fil-manifattura tal-prodott;

(k) “kontenut massimu tal-materjal mhux oriġinarju” tfisser il-kontenut massimu ta’ materjal mhux oriġinarju li huwa permess ħalli l-manifattura tkun tista’ titqies bħala

ħidma jew ipproċessar biżżejjed li jagħtu status oriġinarju lill-prodott. Dan jista' jiġi espress bħala persentaġġ tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott jew bħala persentaġġ tal-piż nett ta' dawn il-materjali użati li jaqgħu taħt grupp speċifikat ta' kapitoli, kapitolu, intestatura jew subintestatura;

(l) "prodott" tfisser il-prodott li jiġi manifatturat, anki jekk ikun maħsub għal użu aktar tard f'xi operazzjoni oħra tal-manifattura;

(m) "territorju" tinkludi t-territorju tal-art, l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali ta' Parti Kontraenti;

(n) "valur miżjud" għandha titqies bħala l-prezz mill-fabbrika tal-prodott mingħajr il-valur doganali ta' kull wieħed mill-materjali inkorporati li joriġinaw fil-Partijiet Kontraenti l-oħra u li għalihom tapplika l-akkumulazzjoni jew, jekk il-valur doganali ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista' jiġi aċċertat li jkun tħallas għall-materjali fil-Parti Kontraenti esportatriċi;

(o) "valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista' jiġi aċċertat li jkun tħallas għall-materjali fil-Parti Kontraenti esportatriċi. Meta jkun irid jiġi stabbilit il-valur tal-materjali oriġinarji użati, dan il-punt għandu japplika *mutatis mutandis*.

TITOLU II

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI ORIĠINARJI"

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Ftehim rilevanti, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'Parti Kontraenti meta jiġu esportati lejn Parti Kontraenti oħra:

(a) prodotti miksuba għalkollox fil-Parti Kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3;

(b) prodotti miksuba fil-Parti Kontraenti li jinkorporaw materjali li ma jkunux inkisbu għalkollox hemmhekk, sakemm materjali bħal dawn ikunu sarulhom ħidma jew ipproċessar biżżejjed f'dik il-Parti Kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 4;

Artikolu 3

Prodotti miksuba għalkollox

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksubin għalkollox f'Parti Kontraenti meta jiġu esportati lejn Parti Kontraenti oħra:

(a) prodotti minerali u ilma naturali estratt mill-ħamrija tagħha jew minn qiegħ il-baħar tagħha;

(b) pjanti, inkluż pjanti akkwatiċi, u prodotti veġetali mkabbra jew maħsuda hemmhekk;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;

(d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;

(e) prodotti minn annimali mbiċċra mwielda u mrobbija hemmhekk;

(f) prodotti miksubin b'kaċċa jew sajd li saru hemmhekk;

(g) prodotti tal-akkwakultura, fejn il-ħut, il-krustaċji, il-molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn jitwieldu jew jitrabbew hemmhekk minn bajd, larvi jew ħut żgħir;

(h) prodotti tas-sajd marittimu u prodotti oħra meħuda mill-baħar barra xi baħar territorjali mill-bastimenti tiegħu;

(i) prodotti magħmula abbord il-bastimenti fabbrika tagħha esklużivament mill-prodotti msemmija fil-punt (h);

(j) oġġetti użati miġbura hemmhekk, tajbin biss għall-irkupru ta' materja prima;

(k) skart u ruttam li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura mwettqa hemmhekk;

(l) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar li jkun jinsab 'il barra mill-baħar territorjali tagħha, iżda fejn għandha drittijiet esklussivi ta' esplojtazzjoni;

(m) merkanzija manifatturata hemmhekk esklużivament mill-prodotti speċifikati fil-punti (a) sa (l).

2. It-termini "il-bastimenti tagħha" u "il-bastimenti fabbrika tagħha" fil-paragrafu 1(h) u (i) għandhom japplikaw biss għall-bastimenti u għall-bastimenti fabbrika li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ikunu rreġistrati fil-Parti Kontraenti esportatriċi jew fil-Parti Kontraenti importatriċi;

(b) ikunu jbaħħru bil-bandiera tal-Parti Kontraenti esportatriċi jew tal-Parti Kontraenti importatriċi;

(c) jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikunu mill-inqas 50 % proprjetà ta' ċittadini tal-Parti Kontraenti esportatriċi jew tal-Parti Kontraenti importatriċi, jew

(ii) ikunu l-proprjetà ta' kumpaniji

- li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom u l-post ewlieni tan-negozju tagħhom fil-Parti Kontraenti esportatriċi jew fil-Parti Kontraenti importatriċi, u

- ikunu mill-inqas 50 % proprjetà tal-Parti Kontraenti esportatriċi jew importatriċi jew ta' entitajiet pubbliċi tagħhom jew ċittadini ta' dawn il-Partijiet.

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, meta l-Parti Kontraenti esportatriċi jew importatriċi tkun l-Unjoni Ewropea, dan ikun ifisser l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

4. Għall-fini tal-paragrafu 2, l-Istati tal-EFTA għandhom jitqiesu bħala Parti Kontraenti waħda.

Artikolu 4

Ħidma jew ipproċessar biżżejjed

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3 u għall-Artikolu 6, il-prodotti li ma jinkisbux għalkollox f'Parti Kontraenti għandhom jitqiesu maħduma jew ipproċessati biżżejjed meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista tal-Anness II għall-merkanzija kkonċernata.

2. Jekk prodott li jkun kiseb status oriġinarju f'Parti Kontraenti skont il-paragrafu 1 jintuża bħala materjal fil-manifattura ta' prodott ieħor, ma għandu jittieħed l-ebda kont tal-materjali mhux oriġinarji li setgħu ntużaw fil-manifattura tiegħu.

3. Għal kull prodott għandu jiġi ddeterminat jekk ġewx issodisfati jew le r-rekwiżiti tal-paragrafu 1.

Iżda meta r-regola rilevanti tkun ibbażata fuq il-konformità ma' kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinarji, l-awtoritajiet doganali tal-Partijiet Kontraenti jistgħu jawtorizzaw lill-esportaturi biex jikkalkulaw il-prezz mill-fabbrika tal-prodotti u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji fuq bażi medja kif stabbilit fil-paragrafu 4, biex jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-kostijiet u fir-rati tal-kambju.

4. Fil-każ imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, il-prezz medju mill-fabbrika tal-prodott u l-valur medju tal-materjali mhux oriġinarji użati għandhom jiġu kalkulati rispettivament abbażi tat-total tal-prezzijiet mill-fabbrika mitluba għall-bejgħ kollu tal-prodotti li jkun sar tul is-sena fiskali preċedenti u t-total tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji kollha li jkunu ntużaw fil-manifattura tal-prodotti tul is-sena fiskali preċedenti kif definit fil-Parti Kontraenti esportatriċi jew, meta ċ-ċifri għal sena fiskali sħiħa ma jkunux disponibbli, tul perjodu iqsar li ma għandux ikun iqsar minn tliet xhur.

5. L-esportaturi li jkunu għażlu kalkoli fuq bażi medja għandhom japplikaw dan il-metodu b'mod konsistenti tul is-sena ta' wara s-sena fiskali ta' referenza jew, meta jkun xieraq, tul is-sena ta' wara l-perjodu iqsar li jkun intuża bħala referenza. Dawn jistgħu ma jibqgħux japplikaw dan il-metodu jekk tul sena fiskali partikolari jew tul perjodu rappreżentattiv iqsar ta' mhux anqas minn tliet xhur, dawn jirreġistraw li l-varjazzjonijiet fil-kostijiet jew fir-rati tal-kambju li jkunu ġġustifikaw dan l-użu ma għadhomx japplikaw.

6. Biex tiġi stabbilita konformità mal-kontenut massimu tal-materjali mhux oriġinarji, il-medji msemmija fil-paragrafu 4 għandhom jintużaw bħala l-prezz mill-fabbrika u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji rispettivament.

Artikolu 5

Regola tat-tolleranza

1. B'deroga mill-Artikolu 4 u soġġetti għall-paragrafi 2 u 3, il-materjali mhux oriġinarji li skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista fl-Anness II ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' xi prodott partikolari xorta jistgħu jintużaw, diment li l-valur totali tagħhom jew il-piż nett ivvalutat għall-prodott ma jkunx jaqbeż:

(a) il-15 % tal-piż nett tal-prodott li jaqa' taħt il-Kapitoli 2 u 4 sa 24, għajr il-prodotti tas-sajd ipproċessati tal-Kapitolu 16;

(b) il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott għal prodotti oħra għajr dawk koperti mill-punt (a).

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, li għalihom għandhom japplikaw it-tolleranzi msemmija fin-Noti 6 u 7 tal-Anness I.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jippermetti li jinqabżu l-persentaġġi għall-kontenut massimu tal-materjali mhux oriġinanti kif speċifikati fir-regoli stabbiliti fil-lista fl-Anness II.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-prodotti miksuba għalkollox f'Parti Kontraenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3. Iżda, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6 u l-Artikolu 9(1), it-tolleranza prevista f'dawk il-paragrafi għandha xorta tapplika għall-prodott li għalih ir-regola stabbilita fil-lista fl-Anness II teżiġi li l-materjali li jintużaw fil-manifattura ta' dak il-prodott ikunu nkisbu għalkollox.

Artikolu 6

Ħidma jew ipproċessar mhux biżżejjed

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala ħidma jew ipproċessar li mhumiex biżżejjed biex jingħata l-istatus ta' prodotti oriġinarji, sew jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 4 u sew jekk le:

(a) operazzjonijiet ta' preżervazzjoni sabiex ikun żgurat li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;

(b) ftuħ u assemblaġġ ta' pakketti;

(c) ħasil, tindif; it-tneħħija tat-trab, l-ossidu, iż-żjut, iż-żebgħa jew kisi ieħor;

(d) il-mogħdija jew l-ippressar tat-tessuti;

(e) operazzjonijiet sempliċi ta' tiżbigħ u ppolixjar;

(f) ħruġ mill-fosdqa u tħin parzjali jew sħiħ ta' ross; ippolixjar u glejżjar ta' ċereali u ross;

(g) operazzjonijiet sabiex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor jew biex jiġu ffurmati blokok żgħar taz-zokkor; it-tħin parzjali jew totali ta' zokkor kristallin;

(h) tqaxxir, tneħħija tal-għadma u l-qoxra ta' frott, ġewż u ħxejjex;

(i) tisnin, tħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;

(j) tgħarbil, skrinjar, issortjar, klassifikazzjoni, gradazzjoni, tqabbil; (inkluż il-ġbir ta' oġġetti f'settijiet);

(k) tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, flasks, boroż, kontenituri, kaxxi, twaħħil fuq kartun jew twavel u l-proċessi sempliċi l-oħra kollha ta' ppakkjar;

(l) twaħħil jew stampar ta' marki, ta' tikketti, ta' logos u ta' oħrajn bħal sinjali distintivi fuq il-prodotti jew fuq l-imballaġġ tagħhom;

(m) it-taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti u kemm jekk le;

(n) it-taħlit taz-zokkor ma' xi materjal;

(o) iż-żieda sempliċi ta' ilma jew id-dilwizzjoni jew id-deidratazzjoni jew id-denaturazzjoni tal-prodotti;

(p) l-assemblaġġ[1] sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti li jsawru prodott sħiħ jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;

(q) it-tbiċċir tal-annimali.

(r) kombinament ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati fil-punti (a) sa (q);

2. Meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk il-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu saru fuq prodott partikulari għandhomx jitqiesu mhux biżżejjed skont it-tifsira tal-paragrafu 1, għandhom jitqiesu l-operazzjonijiet kollha li jkunu saru fuq dak il-prodott fil-Parti Kontraenti esportatriċi.

[1] Noti ta' spjegazzjoni li jinkludu definizzjoni ta' "assemblaġġ sempliċi" se jiġu stabbiliti mill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 7

Kumulazzjoni tal-oriġini

Kumulazzjoni bilaterali u dijagonali

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2, il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-Parti Kontraenti esportatriċi meta jiġu esportati lejn Parti Kontraenti oħra jekk ikunu nkisbu hemmhekk, u jinkorporaw materjali li joriġinaw minn kwalunkwe Parti Kontraenti oħra diment li l-ħidma jew l-ipproċessar li jsiru fil-Parti Kontraenti esportatriċi ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6. Ma għandux ikun meħtieġ li dawn il-materjali jsirulhom ħidma jew ipproċessar biżżejjed.

2. Meta l-ħidma jew l-ipproċessar imwettqa fil-Parti Kontraenti esportatriċi ma jkunux imorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6, il-prodott miksub bl-inkorporazzjoni ta' materjali li joriġinaw fi kwalunkwe Parti Kontraenti oħra għandu jitqies li joriġina fil-Parti Kontraenti esportatriċi biss meta l-valur miżjud hemmhekk ikun ikbar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw f'aktar minn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħra. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jitqies bħala li joriġina fil-Parti Kontraenti minn fejn ikun ġie l-ogħla valur ta' materjali oriġinarji użati fil-manifattura fil-Parti Kontraenti esportatriċi.

Kumulazzjoni bilaterali u dijagonali sħiħa

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2, u bl-esklużjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63, il-ħidma jew l-ipproċessar imwettqa f'Parti Kontraenti, għajr il-Parti Kontraenti esportatriċi, għandhom jitqiesu li jkunu saru fil-Parti Kontraenti esportatriċi jekk il-prodotti miksuba jsirulhom ħidma jew ipproċessar sussegwenti f'din il-Parti Kontraenti esportatriċi.

Kumulazzjoni bilaterali sħiħa għall-Kapitoli 50 sa 63

4. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 u biss għall-iskop tal-kummerċ bilaterali bejn żewġ Partijiet Kontraenti, il-ħidma jew l-ipproċessar li jsiru fil-Parti Kontraenti importatriċi għandhom jitqiesu li jkunu saru fil-Parti Kontraenti esportatriċi jekk il-prodotti jsirulhom ħidma jew ipproċessar sussegwenti f'din il-Parti Kontraenti esportatriċi.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova għandhom jitqiesu bħala Parti Kontraenti waħda

Kumulazzjoni dijagonali sħiħa għall-Kapitoli 50 sa 63

5. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jagħżlu li jestendu, b'mod unilaterali, l-applikazzjoni tal-paragrafu 3 fuq l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata. Il-Parti Kontraenti li tiddeċiedi li testendi l-applikazzjoni tal-paragrafu 3 għandha tinnotifika lill-Kumitat Konġunt b'din id-deċiżjoni, kif ukoll bi kwalunkwe modifiki li jsirulha. L-Anness VIII għandu jkun fih il-lista tal-Partijiet Kontraenti li jkunu estendew l-applikazzjoni tal-paragrafu 3 skont din id-dispożizzjoni, li għandha tiġi aġġornata minnufih wara li kwalunkwe Parti Kontraenti tkun waqfet milli tapplika l-estensjoni. Kull Parti Kontraenti għandha tippubblika avviż bil-lista tal-Partijiet Kontraenti fl-Anness VIII skont il-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

Operazzjonijiet mhux biżżejjed

6. Għall-fini tal-akkumulazzjoni tal-paragrafi 3 sa 5, il-prodotti oriġinarji għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-Parti Kontraenti esportatriċi biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu sarulhom ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6.

Nuqqas ta' ħidma jew ipproċessar

7. Prodotti li joriġinaw mill-Partijiet Kontraenti msemmijin fil-paragrafi 1 u 4 li ma jsirulhom l-ebda ħidma jew ipproċessar fil-Parti Kontraenti esportatriċi għandhom iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati lejn waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn.

Artikolu 8

Kumulazzjoni tal-oriġini – Kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha

1. L-akkumulazzjoni prevista fl-Artikolu 7 tista' tiġi applikata biss jekk:

(a) ikun applikabbli, bejn il-pajjiżi involuti fl-akkwist tal-istatus oriġinarju u l-Parti Kontraenti destinatarja, ftehim kummerċjali preferenzjali skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT); kif ukoll

(b) il-merkanzija tkun kisbet status oriġinarju bl-applikazzjoni ta' regoli tal-oriġini li jkunu identiċi għal dawk mogħtija f'din il-Konvenzjoni.

2. Avviżi li jindikaw l-issodisfar tar-rekwiżiti meħtieġa sabiex tiġi applikata l-akkumulazzjoni għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje C) u fil-Partijiet Kontraenti li jkunu parti għall-Ftehimiet rilevanti, skont il-proċeduri tagħhom stess.

L-akkumulazzjoni prevista fl-Artikolu 7 għandha tapplika mid-data indikata f'dawn l-avviżi.

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn li huma parti għall-Ftehimiet rilevanti, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, b'dettalji dwar il-Ftehimiet, inklużi d-dati ta' meta jidħlu fis-seħħ, li jiġu applikati mal-Partijiet Kontraenti l-oħra.

3. Il-prova tal-oriġini għandha tinkludi d-dikjarazzjoni bl-Ingliż "CUMULATION APPLIED WITH (l-isem tal-pajjiż/l-ismijiet tal-pajjiżi bl-Ingliż)" meta prodotti jkunu kisbu l-istatus oriġinarju fil-Parti Kontraenti esportatriċi bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-oriġini skont l-Artikolu 7.

Jekk bħala prova tal-oriġini jintuża ċertifikat tal-moviment EUR.1, din id-dikjarazzjoni għandha ssir fil-kaxxa 7.

4. Rigward il-prodotti esportati lejhom li jkunu kisbu l-istatus oriġinarju fil-Parti Kontraenti esportatriċi bl-applikazzjoni tal-alkumulazzjoni tal-oriġini skont l-Artikolu 7, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jirrinunzjaw għall-obbligu tal-inklużjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 fuq il-prova tal-oriġini.

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat Konġunt bid-deċiżjoni tagħhom li jagħmlu użu minn din l-għażla. Avviżi li jindikaw il-lista aġġornata tal-Partijiet Kontraenti li għamlu użu minn din l-għażla għandhom jiġu ppubblikati mill-Partijiet Kontraenti, skont il-proċeduri tagħhom stess.

Artikolu 9

Unità tal-kwalifika

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandha tkun il-prodott partikolari li huwa kkunsidrat bħala l-unità bażika fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni bl-użu tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

Għaldaqstant:

(a) meta prodott magħmul minn grupp jew għadd ta' oġġetti jiġi kklassifikat skont it-termini tas-Sistema Armonizzata taħt intestatura waħda, dan il-prodott sħiħ jifforma l-unità tal-kwalifika;

(b) meta kunsinna tkun tikkonsisti minn għadd ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott individwali għandu jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

2. Skont ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, meta l-imballaġġ ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, dan għandu jiġi inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-oriġini.

3. L-aċċessorji, l-ispareparts u l-għodda mibgħuta ma' biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura li jkunu parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz mill-fabbrika tagħhom, dawn għandhom jitqiesu bħala biċċa waħda tat-tagħmir, tal-magna, tal-apparat jew tal-vettura inkwistjoni.

Article10

Settijiet

Kif definit fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, is-settijiet għandhom jitqiesu oriġinarji jekk il-prodotti komponenti kollha jkunu oriġinarji.

Meta sett ikun magħmul minn prodotti oriġinarji u prodotti mhux oriġinarji, is-sett kollu għandu xorta jitqies bħala oriġinarju, diment li l-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jkunx jaqbeż il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tas-sett.

Artikolu 11

Elementi newtrali

Biex jiġi ddeterminat jekk prodott hux prodott oriġinarju, ma għandhiex titqies l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) l-enerġija u l-karburant;

(b) l-impjanti u t-tagħmir;

(c) il-magni u l-għodod;

(d) kwalunkwe merkanzija oħra li ma tidħolx, u li m'hemmx il-ħsieb li tidħol, fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

Artikolu 12

Segregazzjoni tal-kontabbiltà

1. Jekk jintużaw materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji fil-ħidma jew fl-ipproċessar ta' prodott, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jiżguraw il-ġestjoni tal-materjali bl-użu tal-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà, mingħajr ma jżommu l-materjali fi stokkijiet separati.

2. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jiżguraw il-ġestjoni ta' prodotti funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji tal-intestatura 1701 bl-użu tal-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà, mingħajr ma jżommu l-prodotti fi stokkijiet separati.

3. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jeżiġu li l-applikazzjoni tas-segregazzjoni tal-kontabbiltà tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet doganali. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-awtorizzazzjoni soġġetta għal kwalunkwe kundizzjoni li jqisu xierqa u għandhom jissorveljaw l-użu li jsir mill-awtorizzazzjoni. L-awtoritajiet doganali jistgħu

jirtiraw l-awtorizzazzjoni kull meta l-benefiċjarju jagħmel użu mhux xieraq mill-awtorizzazzjoni b'xi mod possibbli jew jonqos milli jissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'din l-Appendiċi.

Bl-użu tas-segregazzjoni tal-kontabbiltà għandu jkun żgurat li fi kwalunkwe ħin ma jkunx hemm iżjed prodotti li jistgħu jitqiesu "li joriġinaw fil-Parti Kontraenti esportatriċi" milli kieku jkun il-każ jekk jintuża metodu ta' segregazzjoni fiżika tal-istokkijiet.

Il-metodu għandu jiġi applikat u l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi rreġistrata abbażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà applikabbli fil-Parti Kontraenti esportatriċi.

4. Il-benefiċjarju tal-metodu msemmi fil-paragrafi 1 u 2 għandu jagħmel jew japplika għal provi tal-oriġini għall-kwantità tal-prodotti li jistgħu jitqiesu bħala oriġinarji fil-Parti Kontraenti esportatriċi. Meta jitolbuh l-awtoritajiet doganali, il-benefiċjarju għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar kif ġew ġestiti l-kwantitajiet.

TITOLU III

REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 13

Il-prinċipju tat-territorjalità

1. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II għandhom jiġu ssodisfati mingħajr interruzzjoni f'Parti Kontraenti kkonċernata.

2. Jekk il-prodotti oriġinarji esportati minn Parti Kontraenti lejn pajjiż ieħor jiġu ritornati, dawn għandhom jitqiesu bħala mhux-oriġinarji sakemm ikun jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li:

(a) il-prodotti rritornati jkunu l-istess bħal dawk li kienu esportati; kif ukoll

(b) ma jkunux sarulhom operazzjonijiet lil hinn minn dawk meħtieġa biex jiġu preservati f'kundizzjoni tajba waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt l-esportazzjoni.

3. L-akkwiżizzjoni tal-istatus oriġinarju skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II ma għandhiex tiġi affettwata mill-ħidma jew mill-ipproċessar li jsiru barra mill-Parti Kontraenti esportatriċi fuq il-materjali esportati minn din il-Parti Kontraenti u sussegwentement importati mill-ġdid hemmhekk, sakemm:

(a) il-materjali msemmija jkunu miksubin għalkollox fil-Parti Kontraenti esportatriċi jew ikunu sarulhom ħidma jew ipproċessar lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 qabel ma jkunu ġew esportati; kif ukoll

(b) ikun jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:

(i) il-prodotti importati mill-ġdid inkisbu bil-ħidma u bl-ipproċessar tal-materjali esportati; kif ukoll

(ii) il-valur miżjud totali li jkun inkiseb barra mill-Parti Kontraenti esportatriċi li tkun qed tesporta bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jkunx jaqbeż l-10 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott aħħari li għalih ikun qed jintalab l-istatus oriġinarju.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-kundizzjonijiet għall-akkwiżizzjoni tal-istatus oriġinarju stabbiliti fit-Titolu II ma għandhomx japplikaw għall-ħidma jew għall-ipproċessar li jkunu saru barra mill-Parti Kontraenti esportatriċi. Iżda jekk fil-lista tal-Anness II tiġi applikata regola li tistabbilixxi valur massimu għall-materjali mhux oriġinarji kollha inkorporati biex jiġi ddeterminat l-istatus oriġinarju tal-prodott finali, il-valur totali tal-materjali mhux

oriġinarji inkorporati fit-territorju tal-Parti Kontraenti esportatriċi, meħud flimkien mal-valur miżjud totali akkwistat ’il barra minn din il-Parti Kontraenti bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Artikolu, ma għandhomx jaqbżu l-persentaġġ iddikjarat.

5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4, “valur miżjud totali” għandha tfisser il-kostijiet kollha li jirriżultaw barra mill-Parti Kontraenti esportatriċi, inkluż il-valur tal-materjali inkorporati hemmhekk.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-prodotti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista tal-Anness II jew li jistgħu jitqiesu maħduma jew ipproċessati biżżejjed biss jekk tiġi applikata t-tolleranza ġenerali stabbilita fl-Artikolu 4.

7. Kull ħidma jew ipproċessar tat-tipi koperti mid-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Artikolu u li jsiru barra mill-Parti Kontraenti esportatriċi għandhom isiru skont il-proċedura ta’ proċessar passiv, jew skont arranġamenti simili.

Artikolu 14

Nonalterazzjoni

1. It-trattament preferenzjali previst fil-Ftehim rilevanti għandu japplika biss għall-prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta’ din il-Konvenzjoni u li jkunu ddikjarati għall-importazzjoni f’Parti Kontraenti, diment li dawn il-prodotti jkunu l-istess bħal dawk esportati mill-Parti Kontraenti esportatriċi. Dawn ma għandhomx jiġu alterati, trasformati b’xi mod jew soġġetti għal operazzjonijiet għajr biex jiġu ppreservati f’kundizzjoni tajba jew għajr għal żieda jew twaħħil ta’ marki, tikketti, siġilli jew xi dokumentazzjoni oħra biex tkun żgurata l-konformità ma’ rekwiżiti domestiċi speċifiċi tal-Parti Kontraenti importatriċi li jsiru taħt superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) tat-tranżitu jew qsim qabel ma jiġu ddikjarati għal użu fid-dar.

2. Jista’ jsir ħżin tal-prodotti jew tal-kunsinni diment li dawn jibqgħu taħt superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) terz(i) tat-tranżitu.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V, jista’ jsir qsim tal-kunsinni, diment li dawn jibqgħu taħt superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) terz(i) tal-qsim.

4. F’każ ta’ dubju, il-Parti Kontraenti importatriċi tista’ titlob lill-importatur jew lir-rappreżentant tagħha biex f’xi ħin jippreżenta d-dokumenti xierqa kollha li jipprovdu evidenza ta’ konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Artikolu, u din tista’ tintwera bi kwalunkwe evidenza dokumentata, u b’mod partikolari permezz ta’:

i) dokumenti kuntrattwali tat-trasport bħal poloz ta’ kargu;

ii) evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq l-immarkar jew in-numerazzjoni tal-pakketti;

iii) ċertifikat ta’ nuqqas ta’ manipulazzjoni pprovdut mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż(i) tat-tranżitu jew tal-qsim, jew xi dokument ieħor li juri li l-merkanzija baqgħet taħt superviżjoni doganali fil-pajjiż(i) tat-tranżitu jew tal-qsim; jew

iv) kwalunkwe evidenza relatata mal-merkanzija nnifisha.

Artikolu 15

Wirjiet

1. Il-prodotti oriġinarji, mibgħuta għall-wiri f’xi pajjiż għajr dawk li għalihom tapplika l-akkumulazzjoni skont l-Artikoli 7 u 8, u mibjugħa wara l-wirja biex jiġu importati f’Parti Kontraenti, waqt l-importazzjoni għandhom jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim rilevanti diment li għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali jintwera li:

(a) esportatur ikun ikkonsenja dawn il-prodotti minn Parti Kontraenti għall-pajjiż li fih tkun qed issir il-wirja u li jkun esibihom hemm;

(b) il-prodotti jkunu nbiegħu jew b'xi mod ieħor ikunu ngħataw mingħand dan l-esportatur lil persuna f'Parti Kontraenti oħra;

(c) il-prodotti jkunu ġew ikkonsenjati waqt il-wirja jew minnufih wara fl-istat kif intbagħtu għall-wirja; kif ukoll

(d) il-prodotti ma jkunux, minn meta jkunu ġew ikkunsinnati għall-wirja, intużaw għal finijiet oħra ħlief biex jintwerew fil-wirja.

2. Għandha tinħareġ jew issir prova tal-oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V u tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi bil-mod normali. Fuqha għandhom jitniżżlu l-isem u l-indirizz tal-wirja. Meta meħtieġ, tista' tintalab ukoll evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kundizzjonijiet li fihom ġew esebiti l-prodotti.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kull wirja, fiera jew esebizzjoni pubblika simili ta' natura kummerċjali, industrijali, agrikola jew artiġjanali, li ma jkunux ġew organizzati għal skopijiet privati fi ħwienet jew fi stabbilimenti tan-negozju bl-għan li jsir bejgħ ta' prodotti barranin, u li matulhom il-prodotti jibqgħu fil-kontroll doganali.

TITOLU IV

RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

Artikolu 16

Rifużjoni tad-dazji doganali jew eżenzjoni minnhom

Projbizzjoni tar-rifużjoni jew tal-eżenzjoni minn dazji doganali għall-prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63

1. Il-materjali mhux oriġinarji li jintużaw fil-manifattura tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata li joriġinaw f'Parti Kontraenti li għaliha tinħareġ jew issir prova tal-oriġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V ma għandhomx ikunu soġġetti għal rifużjoni ta' dazji doganali jew għal eżenzjoni minn dazji doganali ta' kwalunkwe tip fil-Parti Kontraenti esportatriċi.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kull arranġament għal rifużjoni, remissjoni jew nuqqas ta' ħlas, parzjali jew sħiħ, ta' dazji jew imposti doganali li jkollhom effett ekwivalenti, applikabbli fil-Parti Kontraenti esportatriċi għall-materjali użati fil-manifattura, fejn ikunu japplikaw tali rifużjoni, remissjoni jew nuqqas ta' ħlas, espressament jew effettivament, meta prodotti miksuba mill-materjali msemmijin jiġu esportati u mhux meta jinżammu għal użu fid-dar hemmhekk.

3. L-esportatur tal-prodotti koperti bi prova tal-oriġini għandu jkun lest li jippreżenta fi kwalunkwe mument, meta jintalab mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li juru li ma tkun inkisbet l-ebda rifużjoni fir-rigward tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura tal-prodotti kkonċernati u li effettivament tħallsu d-dazji jew l-imposti doganali kollha b'effett ekwivalenti applikabbli għal dawn il-materjali.

Eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni tar-rifużjoni jew tal-eżenzjoni minn dazji doganali għall-prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63

Rifużjoni b'akkumulazzjoni sħiħa

4. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għall-kummerċ bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni PEM għall-prodotti li kisbu status oriġinarju bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni tal-oriġini koperta mill-Artikolu 7(4) jew (5).

Rifużjoni mingħajr akkumulazzjoni dijagonali

5. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhiex tapplika fil-kummerċ bilaterali bejn, minn naħa waħda, l-Iżvizzera (inkluż il-Liechtenstein), l-Iżlanda, in-Norveġja, it-Turkija jew l-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, kwalunkwe parteċipant fil-proċess ta' Barċellona għajr it-Turkija u l-Iżrael jekk il-prodotti jitqiesu li joriġinaw mill-Parti Kontraenti esportatriċi jew importatriċi mingħajr l-applikazzjoni ta' akkumulazzjoni b'materjali li joriġinaw fi kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħra.

6. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhiex tapplika fil-kummerċ bilaterali bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-Pajjiżi Għarab tal-Mediterran (il-Ftehim ta' Agadir), jekk il-prodotti jitqiesu li joriġinaw f'wieħed minn dawn il-pajjiżi mingħajr l-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni b'materjali li joriġinaw fi kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti l-oħra.

TITOLU V

PROVA TAL-ORIĠINI

Artikolu 17

Rekwiżiti ġenerali

1. Meta jiġu importati f'Partijiet Kontraenti oħra, prodotti li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti għandhom igawdu mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet rilevanti malli titressaq waħda mill-provi tal-oriġini li ġejjin:

(a) ċertifikat tal-moviment EUR.1, li l-mudell tiegħu jinsab fl-Anness IV

(b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 18(1), dikjarazzjoni, minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"dikjarazzjoni tal-oriġini", mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati b'mod dettaljat biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu identifikati; it-test tad-dikjarazzjoni tal-oriġini jinsab fl-Anness III;

2. Minkejja l-paragrafu 1, prodotti oriġinarji skont it-tifsira ta' din il-Konvenzjoni għandhom, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 27, jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet rilevanti mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi ppreżentata l-ebda waħda mill-provi tal-oriġini msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar jistgħu jaqblu bejniethom li għall-kummerċ preferenzjali bejn dawk il-Partijiet Kontraenti, il-provi tal-oriġini elenkati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 hawn fuq jinbidlu b'dikjarazzjonijiet tal-oriġini magħmula minn esportaturi rreġistrati f'bażi ta' *data* elettronika skont il-leġiżlazzjoni interna ta' dawn il-Partijiet Kontraenti.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar jistgħu jaqblu bejniethom li jistabbilixxu sistema li tippermetti li l-provi tal-oriġini elenkati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 jinħarġu b'mod elettroniku u/jew jiġu ppreżentati b'mod elettroniku.

Artikolu 18

Kundizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini

1. Tista’ ssir dikjarazzjoni tal-oriġini kif imsemmi fl-Artikolu 17(1)(b):

(a) minn esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 19, jew

(b) minn kwalunkwe esportatur għal kwalunkwe kunsinna li tikkonsisti f’pakkett wieħed jew aktar ta’ prodotti oriġinarji li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx EUR 6000.

2. Dikjarazzjoni tal-oriġini tista’ ssir jekk il-prodotti jistgħu jitqiesu li joriġinaw f’Parti Kontraenti u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta’ din il-Konvenzjoni.

3. L-esportatur li jagħmel id-dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jkun ppreparat li jissottometti f'kull ħin, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatriċi, id-dokumenti xierqa li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati kif ukoll it-twettiq tal-kundizzjonijiet l-oħra ta’ din il-Konvenzjoni.

4. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini għandu jagħmilha l-esportatur billi jittajpja, jittimbra jew jipprintja fuq il-fattura, fuq in-nota tal-konsenja jew fuq dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni li t-test tagħha jinsab fl-Anness III, filwaqt li juża waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi stabbiliti f’dak l-Anness u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż esportatur. Jekk id-dikjarazzjoni ssir bl-idejn, din għandha ssir bil-linka u b’karattri stampati.

5. Id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini għandu jkollhom il-firma oriġinali tal-esportatur bl-idejn. Madankollu, esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 19 ma għandux jintalab jiffirma dawn id-dikjarazzjonijiet diment li jippreżenta impenn bil-miktub lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatriċi li turi li jaċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni tal-oriġini li tidentifikah daqslikieku din ġiet iffirmata minnu stess.

6. L-esportatur jista’ jagħmel id-dikjarazzjoni tal-oriġini meta jiġu esportati l-prodotti li din tkun tkopri jew wara l-esportazzjoni, (minn hawn ’il quddiem imsejħa “dikjarazzjoni tal-oriġini retrospettiva”), diment li din tiġi ppreżentata fil-pajjiż importatur sa mhux aktar tard minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti li din tkopri.

Meta l-qsim ta’ kunsinna jsir skont l-Artikolu 14(3) u tiġi rispettata l-istess skadenza ta’ sentejn, id-dikjarazzjoni tal-oriġini retrospettiva għandha ssir mill-esportatur approvat tal-Parti Kontraenti tal-esportazzjoni tal-prodotti.

Artikolu 19

Esportatur approvat

1. Soġġetti għar-rekwiżiti nazzjonali, l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatriċi jistgħu jawtorizzaw lil kwalunkwe esportatur stabbilit f’dik il-Parti Kontraenti (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “l-esportatur approvat”) jagħmel dikjarazzjonijiet tal-oriġini irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati.

2. Kull esportatur li jitlob din l-awtorizzazzjoni jrid joffri l-garanziji kollha meħtieġa għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, biex jiġi vverifikat l-istatus oriġinarju tal-prodotti u li ġew issodisfati r-rekwiżiti l-oħra ta’ din il-Konvenzjoni.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu numru tal-awtorizzazzjoni doganali lill-esportatur approvat u dan għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-oriġini.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw l-użu xieraq ta’ awtorizzazzjoni. Dawn jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni jekk l-esportatur approvat jużaha ħażin, u għandhom jagħmlu dan jekk l-esportatur approvat ma jibqax joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 20

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1

1. Iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatriċi meta ssir applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew, taħt ir-responsabbiltà tal-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għan dan il-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jimlew iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 u l-formola tal-applikazzjoni, li mudelli tagħhom jinsabu fl-Anness IV. Dawn il-formoli għandhom jimtlew b'waħda mil-lingwi li bihom tfasslet din il-Konvenzjoni u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Jekk il-formoli jimtlew bl-idejn, għandhom isiru bil-linka u b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riżervata għal dan il-għan mingħajr ma jitħallew linji vojta. Jekk il-kaxxa ma timteliex kollha, għandha ssir linja orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni u jiġi ngassat l-ispazju vojt.

3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment tal-merkanzija EUR.1 għandu jkun ippreparat jissottometti, f'kull ħin, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatriċi minn fejn jinħareġ iċ-ċertifikat ta' moviment tal-merkanzija EUR.1, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati kif ukoll it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' din il-Konvenzjoni.

4. Iċ-ċertifikat tal-oriġini għandu jinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti esportatriċi jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti oriġinarji u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' din il-Konvenzjoni.

5. L-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jivverifikaw l-istatus oriġinarju tal-prodotti u li r-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni ġew issodisfati. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew xi verifika oħra li jqisu xierqa. Dawn għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 jimtlew kif suppost. B'mod partikolari, dawn għandhom jivverifikaw li l-ispazju riżervat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkun imtela b'tali mod li jeskludi kull possibbiltà ta' żidiet frodulenti.

6. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandha tiġi indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.

7. Iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-esportatur malli l-esportazzjoni attwali tkun saret jew tkun garantita.

Artikolu 21

Ċertifikati tal-moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament

1. Minkejja l-Artikolu 20(7), iċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 jista' jinħareġ b'mod retrospettiv wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jkopri jekk:

(a) ma jkunx inħareġ waqt l-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkustanzi speċjali; jew

(b) jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li kien inħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 iżda ma ġiex aċċettat waqt l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi; jew

(c) id-destinazzjoni aħħarija tal-prodotti kkonċernati ma kinitx magħrufa waqt l-esportazzjoni u ġiet iddeterminata waqt it-trasport jew il-ħażna tagħhom u wara l-qsim possibbli tal-kunsinni skont l-Artikolu 14(3).

2. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, fl-applikazzjoni tiegħu, l-esportatur għandu jindika l-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti koperti miċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 u għandu jiddikjara r-raġunijiet għat-talba tiegħu.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 b'mod retrospettiv fi żmien sentejn mid-data tal-esportazzjoni u biss wara li jivverifikaw li l-informazzjoni mogħtija mill-esportatur fl-applikazzjoni hi konformi ma' dik fil-fajl korrispondenti.

4. Iċ-ċertifikati tal-moviment tal-merkanzija EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom jiġu approvati bil-fraži li ġejja bl-Ingliż:

"ISSUED RETROSPECTIVELY"

5. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiddaħħal fil-Kaxxa 7 taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1.

Artikolu 22

Ħruġ ta' kopja taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1

1. F'każ ta' serq, telf jew qerda taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1, l-esportatur jista' japplika biex l-awtoritajiet doganali li jkunu ħarġuhulu, joħorġu kopja abbażi tad-dokumenti tal-esportazzjoni fil-pussess tagħhom.

2. Il-kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tiġi approvata b'din il-kelma li ġejja bl-Ingliż:

"DUPLICATE"

3. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddaħħal fil-Kaxxa 7 tal-kopja taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1.

4. Il-kopja, li għandha turi d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 oriġinali, għandha tkun valida minn dik id-data.

Artikolu 23

Validità tal-prova tal-oriġini

1. Il-prova tal-oriġini għandha tkun valida għal għaxar xhur mid-data meta tinħareġ jew issir fil-Parti Kontraenti esportatriċi, u għandha tiġi ppreżentata tul dak il-perjodu lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi.

2. Il-provi tal-oriġini li jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi wara l-perjodu tal-validità msemmi fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu aċċettati għall-fini tal-applikazzjoni tal-preferenzi tariffarji, meta n-nuqqas ta' sottomissjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali stabbilita jkun dovut għal ċirkostanzi eċċezzjonali.

3. F'każijiet oħrajn ta' preżentazzjoni tardiva, l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi jistgħu jaċċettaw il-provi tal-oriġini meta l-prodotti jkunu ġew ippreżentati qabel id-data finali msemmija.

Artikolu 24

Żoni ħielsa

1. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-prodotti nnegozjati bil-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona ħielsa fit-territorju

tagħhom, ma jinbidlux b'merkanzija oħra u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajr minn operazzjonijiet normali maħsubin sabiex jiġi evitat li jiddeterjoraw.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw f'Parti Kontraenti jiġu importati f'żona libera bil-kopertura ta' prova tal-oriġini u jsirulhom trattament jew ipproċessar, tista' ssir jew tinħareġ prova tal-oriġini ġdida, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jsiru jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 25

Rekwiżiti tal-importazzjoni

Għandhom jiġu ppreżentati provi tal-oriġini lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi skont il-proċeduri applikabbli f'dik il-Parti.

Artikolu 26

Importazzjoni gradwali

Meta, fuq it-talba tal-importatur u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi, jiġu importati gradwalment prodotti żarmati jew mhux armati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) għall-interpretazzjoni tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu taħt it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, għandha tiġi ppreżentata prova waħda tal-oriġini għal dawn il-prodotti lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel konsenja parzjali.

Artikolu 27

Eżenzjonijiet mill-prova tal-oriġini

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar mingħand persuni privati lil persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi għandhom jiġu ammessi bħala prodotti li joriġinaw mingħajr il-bżonn li tiġi ppreżentata prova tal-oriġini, diment li dawn il-prodotti ma jkunux importati kummerċjalment u jkunu ġew iddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din il-Konvenzjoni u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' dikjarazzjoni bħal din.

2. L-importazzjonijiet ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet permezz ta' kummerċ jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-importazzjonijiet ikunu okkażjonali;

(b) l-importazzjonijiet ikunu jikkonsistu biss minn prodotti maħsuba għall-użu personali tal-benefiċjarji jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom;

(c) min-natura u mill-kwantità tal-prodotti jkun evidenti li ma hemm ebda fini kummerċjali.

3. Il-valur totali ta' dawn il-prodotti ma għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew l-EUR 1200 fil-każ ta' prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

Artikolu 28

Diskrepanzi u żbalji formali

1. Is-sejba ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-prova tal-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali għall-fini biex jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti, ma għandhiex *ipso facto* tirrendi l-prova tal-oriġini bħala nulla u mingħajr effett jekk ikun stabbilit kif xieraq li dan id-dokument fil-fatt jikkorrispondi għall-prodotti ppreżentati.

2. L-iżbalji formali ovvji fosthom l-iżbalji tat-tipa fil-prova tal-oriġini ma jwasslux biex dan id-dokument jiġi rrifjutat jekk dawn l-iżbalji ma jkunux tali li joħolqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dan id-dokument.

Artikolu 29

Dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew issir dikjarazzjoni tal-oriġini f'Parti Kontraenti għal prodotti oriġinarji li waqt il-manifattura tagħhom ikunu ntużaw oġġetti skont l-Artikolu 7(3) jew l-Artikolu 7(4) li jkunu ġejjin minn Parti Kontraenti u li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar f'dawn il-partijiet mingħajr ma jkunu kisbu status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija għal dawk l-oġġetti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala evidenza tal-ħidma jew tal-ipproċessar li jkunu saru f'Parti Kontraenti fuq il-merkanzija kkonċernata bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti, li fil-manifattura tagħhom tkun intużat dik il-merkanzija, ikunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Parti Kontraenti esportatriċi u jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti l-oħra ta' din l-Appendiċi.

3. Għajr għall-każijiet previsti fil-paragrafu 4, il-fornitur għandu jagħmel dikjarazzjoni separata tal-fornitur għal kull kunsinna ta' merkanzija fil-forma preskritta fl-Anness [dikjarazzjoni tal-fornitur] fuq karta mehmuża mal-fattura, man-nota tal-kunsinna jew ma' xi dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-merkanzija kkonċernata b'biżżejjed dettall biex tkun tista' tiġi identifikata.

4. Meta l-fornitur jipprovdi merkanzija b'mod regolari lil klijent partikolari li l-ħidma jew l-ipproċessar tagħha jkunu saru f'Parti Kontraenti, u jkun mistenni li din il-provvista tibqa' ssir b'mod kostanti għal perjodu taż-żmien, dan jista' jipprovdilu dikjarazzjoni waħda tal-fornitur li tkun tkopri kunsinni sussegwenti ta' dik il-merkanzija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul"). Normalment, dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul tista' tibqa' valida għal perjodu sa sentejn mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti fejn issir id-dikjarazzjoni jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li skonthom jistgħu jintużaw perjodi itwal. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandha ssir mill-fornitur fil-forma preskritta fl-Anness [dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul] u għandha tiddeskrivi l-merkanzija kkonċernata b'biżżejjed dettall biex tkun tista' tiġi identifikata. Għandha tingħata lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel kunsinna tal-merkanzija koperta minn dik id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel kunsinna. Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu minnufih jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma tkunx għadha applikabbli għall-merkanzija fornuta.

5. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu ttajpjati jew stampati f'waħda mil-lingwi li fihom tfasslet din il-Konvenzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-Parti Kontraenti fejn titfassal id-dikjarazzjoni, u għandu jkollha fuqha l-firma oriġinali magħmula bil-miktub mill-fornitur. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; f'dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka u b'karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta fi kwalunkwe mument, meta jintalab mill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova li l-informazzjoni mogħtija f'dik id-dikjarazzjoni hi korretta.

Artikolu 30

Ammonti espressi f'euro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(1)(b) u tal-Artikolu 27(3), meta l-fattura għall-prodotti toħroġ b'xi munita oħra li mhix l-euro, l-ammonti fil-munita nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti ekwivalenti għall-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu stabbiliti darba fis-sena minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.

2. Il-kunsinna għandha tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(1)(b) jew tal-Artikolu 27(3) b'referenza għall-munita li fiha ssir il-fattura, skont l-ammont stabbilit mill-pajjiż ikkonċernat.

3. L-ammonti li jridu jintużaw b'xi munita nazzjonali għandhom ikunu l-ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti espressi bl-euro fl-ewwel jum tax-xogħol ta' Ottubru. L-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Ottubru u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-pajjiżi kollha kkonċernati bl-ammonti rilevanti.

4. Pajjiż jista' jnaqqas jew iżid l-ammont li jirriżulta mill-kambju tal-ammont espress bl-euro għall-munita nazzjonali tiegħu biex dan jitqarreb lejn l-ewwel numru sħiħ. L-ammont imqarreb lejn l-eqreb numru sħiħ ma jistax ikun differenti b'aktar minn 5 % mill-ammont li jirriżulta mill-kambju. Pajjiż jista' jibqa' ma jbiddilx l-ekwivalenti tal-munita nazzjonali għall-ammont espress bl-euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament ta' darba fis-sena previst fil-paragrafu 3, il-kambju ta' dak l-ammont, qabel ma jitqarreb lejn l-eqreb numru sħiħ, jirriżulta f'żieda ta' anqas minn 15 % fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti tal-munita nazzjonali jista' jinżamm bla ma jinbidel jekk il-kambju jkun iwassal għal tnaqqis ta' dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu rieżaminati mill-Kumitat Konġunt fuq talba minn kwalunkwe Parti Kontraenti. Meta titwettaq din ir-reviżjoni, il-Kumitat Konġunt għandu jqis sa liema punt huwa mixtieq li jkunu ppreservati f'termini reali l-effetti tal-limiti kkonċernati. Għal dan il-għan, dan jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi f'euro.

TITOLU VI

PRINĊIPJI TA' KOOPERAZZJONI U EVIDENZA DOKUMENTATA

Artikolu 31

Evidenza dokumentata, preservazzjoni tal-provi tal-oriġini u dokumenti ta' prova

1. Esportatur li jkun għamel dikjarazzjoni tal-oriġini jew li jkun applika għal ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jżomm kopja stampata jew verżjoni elettronika ta' dawn il-provi tal-oriġini u tad-dokumenti kollha li jsostnu l-istatus oriġinarju tal-prodott, għal mill-inqas tliet snin mid-data meta tinħareġ jew issir id-dikjarazzjoni tal-oriġini.

2. Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm għal mill-inqas tliet snin kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, nota tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li magħhom tkun mehmuża din id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 29(6).

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandu jżomm għal mill-anqas tliet snin kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, nota tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li jikkonċernaw il-merkanzija koperta b'dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 29(6). Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id- "dokumenti li jsostnu l-istatus oriġinarju" jinkludu fost l-oħrajn dawn li ġejjin:

(a) evidenza diretta tal-proċessi li għamlu l-esportatur jew il-fornitur biex jiksbu l-prodott li hemm, pereżempju, fil-kontijiet jew fil-kontabbiltà interna tagħhom;

(b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fil-Parti Kontraenti rilevanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha;

(c) dokumenti li jagħtu prova tal-ħidma jew tal-ipproċessar tal-materjali fil-Parti Kontraenti rilevanti, magħmula jew maħruġa f'dik il-Parti Kontraenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha;

(d) dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew ċertifikati tal-moviment EUR.1 li jagħtu prova tal-istatus oriġinarju tal-materjali użati, magħmula jew maħruġa fil-Partijiet Kontraenti skont din il-Konvenzjoni;

(e) evidenza xierqa dwar il-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu saru barra mill-Partijiet Kontraenti bl-applikazzjoni tal-Artikoli 13 u 14, li tagħti prova li ġew issodisfati r-rekwiżiti ta' dawn l-Artikoli.

4. L-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatriċi li joħorġu ċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandhom iżommu l-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2) għal mill-inqas tliet snin.

5. L-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi għandhom iżommu ċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet tal-oriġini ppreżentati lilhom għal mill-inqas tliet snin.

6. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur li jagħtu prova li l-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu saru f'Parti Kontraenti b'materjali użati, magħmula f'dik il-Parti Kontraenti, għandhom jiġu trattati bħala dokument li jissemma fl-Artikoli 18(3), 20(3) u 29(6) użati bil-għan li jagħtu prova li dawk il-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-oriġini jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'dik il-Parti Kontraenti u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' din l-Appendiċi.

Artikolu 32

Riżoluzzjoni tat-tilwim

Fejn iqumu tilwimiet b'rabta mal-proċeduri ta' verifikazzjoni tal-Artikoli 34 u 35 li ma jkunux jistgħu jissolvew bejn l-awtoritajiet doganali li jkunu qed jitolbu l-verifikazzjoni u l-awtoritajiet doganali li jkunu responsabbli milli jwettqi din il-verifikazzjoni, għandhom jitressqu quddiem il-korp bilaterali stabbilit mill-Ftehim rilevanti. Fejn iqumu tilwimiet li ma jkunux marbutin mal-proċeduri ta' verifika tal-Artikoli 34 u 35 b'rabta mal-interpretazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, għandhom jitressqu lill-Kumitat Konġunt.

Fil-każijiet kollha r-riżoluzzjoni ta' tilwimiet bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi għandha sseħħ skont il-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż.

TITOLU VII

KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 33

Notifika u kooperazzjoni

1. L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu kampjuni ta' impressjonijiet tat-timbri lil xulxin li jintużaw fl-uffiċċji doganali tagħhom għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, flimkien mal-mudelli tan-numri tal-awtorizzazzjoni mogħtija

lill-esportaturi approvati u l-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbli biex jivverifikaw dawn iċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet tal-oriġini.

2. Biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta ta' din il-Konvenzjoni, il-Partijiet Kontraenti għandhom jassistu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, biex jivverifikaw l-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini, id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, u l-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 34

Verifika tal-provi tal-oriġini

1. Il-verifikazzjonijiet sussegwenti tal-provi tal-oriġini għandhom jitwettqu b'mod każwali jew kulmeta l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi jkollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità ta' tali dokumenti, dwar l-istatus oriġinarju tal-prodotti kkonċernati jew dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.

2. Meta jagħmlu talba għal verifika sussegwenti, l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi għandhom jibagħtu lura ċ-ċertifikat tal-moviment EUR.1 u l-fattura, jekk din tkun ġiet ippreżentata, id-dikjarazzjoni tal-oriġini, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatriċi filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet għat-talba għal verifika. Id-dokumenti u l-informazzjoni kollha miġburin li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fuq il-provi tal-oriġini mhix korretta għandhom jingħaddew bħala sostenn tat-talba għall-verifika.

3. Il-verifikazzjoni għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti esportatriċi. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew xi verifika oħra li jqisu xierqa.

4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti importatriċi jiddeċiedu li jissospendu l-għoti tat-trattament preferenzjali lill-prodotti kkonċernati sakemm jistennew ir-riżultati tal-verifika, dawn għandhom joffru li jirrilaxxaw il-prodotti lill-importatur soġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni li huma jidhrilhom meħtieġa.

5. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti jkunux awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jkunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'waħda mill-Partijiet Kontraenti u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn ta' din il-Konvenzjoni.

6. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma tingħata l-ebda tweġiba fi żmien għaxar xhur mid-data tat-talba għall-verifika jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha biżżejjed informazzjoni biex tiġi ddeterminata l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jagħmlu t-talba għandhom, għajr f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jirrifjutaw id-dritt għall-preferenzi.

Artikolu 35

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal perjodu fit-tul jistgħu jsiru b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali ta' Parti Kontraenti fejn ikunu tqiesu dawn id-dikjarazzjonijiet biex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew dwar il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-Parti Kontraenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni

tal-fornitur u l-fattura, in-noti tal-konsenja jew xi dokumenti kummerċjali oħra dwar il-merkanzija koperta minn din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret din id-dikjarazzjoni, filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet tas-sustanza jew tal-forma tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għall-verifika sussegwenti, dawn għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkunu nkisbu u li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur jew fid-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul mhix korretta.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtorità doganali tal-Parti Kontraenti fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur jew id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsejħu għal kwalunkwe evidenza u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawk ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur jew fid-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul hix korretta u jagħmluha possibbli biex dawn ikunu jistgħu jiddeterminaw jekk u kemm din id-dikjarazzjoni tista' titqies għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 36

Penali

Kull Parti Kontraenti għandha tipprevedi l-impożizzjoni ta' penali kriminali, ċivili jew amministrattivi għall-ksur tal-leġiżlazzjoni tagħha relatata ma' din il-Konvenzjoni.

TITOLU VIII

APPLIKAZZJONI TAL-PROTOKOLL

Artikolu 37

Iż-Żona Ekonomika Ewropea

Merkanzija li toriġina fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) skont it-tifsira tal-Protokoll 4 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea għandha titqies li toriġina fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein jew fin-Norveġja ("il-Partijiet taż-ŻEE") meta tiġi esportata rispettivament mill-Unjoni Ewropea, mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein jew min-Norveġja lejn Parti Kontraenti għajr il-Partijiet taż-ŻEE, diment li jkun hemm ftehimiet ta' kummerċ ħieles applikabbli bejn il-Parti Kontraenti importatriċi u l-Partijiet taż-ŻEE.

Artikolu 38

Il-Liechtenstein

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, prodott li joriġina fil-Liechtenstein għandu, minħabba l-unjoni doganali bejn l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, jitqies li joriġina fl-Iżvizzera.

Artikolu 39

Ir-Repubblika ta' San Marino

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, prodott li joriġina fir-Repubblika ta' San Marino għandu, minħabba l-unjoni doganali bejn l-UE u r-Repubblika ta' San Marino, jitqies li joriġina fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 40

Il-Prinċipat ta' Andorra

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, prodott li joriġina fil-Prinċipat ta' Andorra li jkun ikklassifikat taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandu, minħabba l-unjoni doganali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra, jitqies li joriġina fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 41

Ceuta u Melilla

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, it-terminu "Unjoni Ewropea" ma għandux ikopri lil Ceuta u Melilla.

2. Prodotti li joriġinaw f'Parti Kontraenti għajr l-Unjoni Ewropea, meta jiġu importati f'Ceuta jew f'Melilla, għandhom igawdu f'kull aspett mill-istess reġim doganali bħal dak applikat għal prodotti li joriġinaw fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea li jaqa' taħt il-Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej. Il-Partijiet Kontraenti għajr l-Unjoni Ewropea, għandhom jagħtu lill-importazzjoni koperta mill-Ftehim u li joriġinaw f'Ceuta u Melilla l-istess reġim doganali bħal dak mogħti lil prodotti importati mill-Unjoni Ewropea u li joriġinaw fiha.

3. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2, fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, din il-Konvenzjoni għandha tapplika *mutatis mutandis,* soġġett għall-kundizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Anness V.

ANNESS I

Noti introduttorji għal-lista fl-Anness II

Nota 1 – Introduzzjoni ġenerali

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa biex il-prodotti kollha jkunu jistgħu jitqiesu maħduma jew ipproċessati biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Appendiċi I. Hemm erba' tipi differenti ta' regoli, li jvarjaw skont il-prodott:

(a) permezz tal-ħidma jew tal-ipproċessar, ma jinqabiżx il-kontenut massimu tal-materjali mhux oriġinarji;

(b) permezz tal-ħidma jew tal-ipproċessar, l-intestatura b'4 ċifri tas-Sistema Armonizzata jew is-subintestatura b'6 ċifri tas-Sistema Armonizzata tal-prodotti manifatturati ssir differenti mill-intestatura b'4 ċifri tas-Sistema Armonizzata jew mis-subintestatura b'6 ċifri tas-Sistema Armonizzata rispettivament tal-materjali użati;

(c) titwettaq operazzjoni speċifika tal-ħidma jew tal-ipproċessar;

(d) il-ħidma jew l-ipproċessar isiru fuq ċerti materjali miksuba għalkollox.

Nota 2 – L-istruttura tal-lista

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. Fl-ewwel kolonna hemm in-numru tal-intestatura jew in-numru tal-Kapitolu użati fis-Sistema Armonizzata u fit-tieni kolonna hemm id-deskrizzjoni tal-merkanzija użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew għal dak il-Kapitolu. Għal kull entrata fl-ewwel żewġ kolonni, tiġi speċifikata regola fil-kolonna 3. Jekk xi drabi, l-entrata fl-ewwel kolonna tkun preċeduta minn "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.

2.2. Jekk diversi numri ta' intestaturi jingabru flimkien fil-kolonna 1 jew jekk jingħata numru ta' Kapitolu u allura d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli korrispondenti fil-kolonna 3 jkunu japplikaw għall-prodotti kollha li fis-Sistema Armonizzata jiġu kklassifikati taħt l-intestaturi tal-Kapitolu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Jekk fil-lista jkun hemm regoli differenti li japplikaw għal prodotti differenti fi ħdan intestatura, kull inċiż ikun fih id-deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta mir-regoli korrispondenti fil-kolonna 3.

2.4. Jekk fil-kolonna 3 hemm stipulati żewġ regoli alternattivi, separati bil-kelma "jew", l-esportatur jista' jagħżel liema waħda juża.

Nota 3 – Eżempji ta' kif jiġu applikati r-regoli

3.1. Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Appendiċi I, dwar prodotti li jkunu kisbu status oriġinarju u li jkunu użati fil-manifattura ta' prodotti oħra, irrispettivament minn jekk l-istatus ikunx inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew f'xi fabbrika oħra f'Parti.

3.2. Skont l-Artikolu 6, il-ħidma jew l-ipproċessar imwettqa għandhom imorru lil hinn mil-lista ta' operazzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu. Jekk le, il-merkanzija ma għandhiex tikkwalifika għall-għoti tal-benefiċċju ta' trattament tariffarju preferenzjali, anki jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista ta' hawn taħt.

Soġġetti għad-dispożizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, ir-regoli fil-lista jirrappreżentaw l-ammont minimu ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġa, u t-twettiq ta'

aktar ħidma jew ipproċessar jagħti wkoll status oriġinarju; min-naħa l-oħra, it-twettiq ta' inqas ħidma jew ipproċessar ma jistax jagħti status oriġinarju.

Għalhekk, jekk regola tkun tipprevedi li jista' jintuża materjal mhux oriġinarju f'ċertu livell tal-manifattura, l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar bikri tal-manifattura hu permess u l-użu ta' dan il-materjal fi stadju aktar tard mhuwiex.

Jekk regola tkun tistipula li ma jistax jintuża materjal mhux oriġinarju f'ċertu livell tal-manifattura, l-użu ta' materjali fi stadju aktar bikri tal-manifattura hu permess u l-użu tal-materjali fi stadju aktar tard mhuwiex.

Eżempju: meta r-regola tal-lista għall-Kapitolu 19 teżiġi li "l-materjali mhux oriġinarji tal-intestaturi 1101 sa 1108 ma jistgħux jaqbżu l-20 % tal-piż", l-użu (jiġifieri l-importazzjoni) taċ-ċereali tal-Kapitolu 10 (materjali fi stadju aktar bikri tal-manifattura) mhux limitat.

3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, meta regola tkun tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", jistgħu jintużaw il-materjali ta' kwalunkwe intestatura/i (anke materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħall-prodott), iżda soġġett għal limitazzjonijiet speċifiċi li jaf tipprevedi r-regola.

Iżda l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura..." jew "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-istess intestatura bħall-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr dawk bl-istess deskrizzjoni bħall-prodott kif tidher fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tkun tispeċifika li prodott jista' jiġi manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Din ma tkunx qed teżiġi li għandhom jintużaw il-materjali kollha f'daqqa.

3.5. Meta regola fil-lista tkun tispeċifika li prodott għandu jiġi manifatturat minn materjal partikolari, il-kundizzjoni ma twaqqafx l-użu ta' materjali oħra li, minħabba l-għamla inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw din il-kundizzjoni.

3.6. Meta regola fil-lista tkun tagħti żewġ persentaġġi għall-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji li jistgħu jintużaw, dawn il-persentaġġi ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji kollha użati ma jista' qatt jaqbeż l-akbar persentaġġ mogħti. Barra minn hekk, il-persentaġġi individwali ma jistgħux jinqabżu, fir-rigward tal-materjali partikolari li japplikaw għalihom.

Nota 4 – Dispożizzjonijiet ġenerali rigward ċerta merkanzija agrikola

4.1. Il-merkanzija agrikola li taqa' taħt il-Kapitoli 6, 7, 8, 9, 10, 12 u l-intestatura 2401 li titkabbar jew tinħasad fit-territorju ta' Parti Kontraenti għandha tiġi trattata bħala li toriġina fit-territorju ta' dik il-Parti Kontraenti, anki jekk din titkabbar minn żerriegħa, basal, zokk, żraġen, tilqim, rimjiet, rimi jew partijiet oħra ħajjin ta' pjanti importati.

4.2. Meta l-kontenut taz-zokkor mhux oriġinarju fi prodott partikolari jkun soġġett għal limitazzjonijiet, il-piż taz-zokkor tal-intestaturi 1701 (sukrożju) u 1702 (eż. fruttożju, glukożju, lattożju, maltożju, iżoglukożju jew zokkor invertit) użat fil-manifattura tal-prodott finali u użat fil-manifattura ta' prodotti mhux oriġinarju inkorporat fil-prodott finali għandu jitqies għall-kalkolu ta' dawn il-limitazzjonijiet.

Nota 5 – Terminoloġija użata fir-rigward ta' ċerti prodotti tat-tessuti

5.1. It-terminu “fibri naturali” jintuża fil-lista biex jirreferi għall-fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Dan hu limitat għall-istadji ta’ qabel l-għażil tal-fibri, inkluż l-iskart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, inkluż il-fibri li jiġu mqardxa, mimxuta jew ipproċessati b’xi mod ieħor iżda mhux bl-għażil.

5.2. It-terminu “fibri naturali” jinkludi l-krin tal-intestatura 0511, il-ħarir tal-intestaturi 5002 u 5003, kif ukoll il-fibri tas-suf u s-suf tal-annimali fin jew oħxon tal-intestaturi 5101 sa 5105, il-fibri tal-qoton tal-intestaturi 5201 sa 5203, u fibri veġetali oħra tal-intestaturi 5301 sa 5305.

5.3. It-termini “polpa tat-tessut”, “materjali kimiċi” u “materjali li minnhom issir il-karta” jintużaw fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 u li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta’ fibri jew raden artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.

5.4. It-terminu “fibri prinċipali magħmula mill-bniedem” jintuża fil-lista biex jirreferi għall-filament tow sintetiku jew artifiċjali, il-fibri bażiċi jew l-iskart, tal-intestaturi 5501 sa 5507.

5.5. L-istampar (meta jiġi kkombinat mal-insiġ, max-xogħol bil-labar/bil-ganċ, mat-trapuntar jew mal-mili) hu definit bħala teknika li permezz tagħha sottostrat tat-tessut b’karattru permanenti jingħata funzjoni vvalutata b’mod oġġettiv, bħal kulur, disinn, prestazzjoni teknika, permezz ta’ skrin, romblu jew b’tekniki diġitali jew ta’ trasferiment.

5.6. L-istampar (bħala operazzjoni awtonoma) hu definit bħala teknika li permezz tagħha sottostrat tat-tessut b’karattru permanenti jingħata funzjoni vvalutata b’mod oġġettiv, bħal kulur, disinn, prestazzjoni teknika, permezz ta’ skrin, romblu jew b’tekniki diġitali jew ta’ trasferiment, ikkombinata ma’ mill-anqas żewġ operazzjonijiet ta’ tħejjija/tlestija (bħal għorik, ibbliċjar, merċeriżar, issettjar bis-sħana, raising, ippressar bir-rombli, ipproċessar biex ma jinxtorbux, tlestija permanenti, trattament bil-fwar (decatising), tixpip, tiswija u tneħħija taż-żliemem), diment li l-valur tal-materjali kollha użati ma jkunx jaqbeż il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

Nota 6 – Tolleranzi applikabbli għal prodotti magħmula minn taħlita ta’ materjali tessili

6.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 ma għandhomx jiġu applikati għall-materjali tessili bażiċi użati fil-manifattura ta’ dan il-prodott u li, meta jittieħdu flimkien, jirrappreżentaw 15 % jew anqas tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 6.3 u 6.4).

6.2. Minkejja dan, it-tolleranza msemmija fin-Nota 6.1 tista’ tiġi applikata biss għall-prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali tessili bażiċi:

– ħarir;

– suf;

– xagħar aħrax tal-annimali;

– xagħar fin tal-annimali;

– krin;

– qoton;

– materjali li minnhom isiru l-karti, u karta;

– kittien;

– qanneb veru;
– ġuta u fibri oħra tal-qanneb tat-tessuti;
– sisal u fibri oħra tat-tessuti tal-ġeneru Agave;
– ġewż tal-Indi, manilla, rami u fibri tessili veġetali oħra;
– fibri tal-filament sintetiċi tal-polipropilen magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament sintetiċi tal-poliester magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament sintetiċi tal-poliammid magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament sintetiċi tal-poliakrilonitril magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament sintetiċi tal-poliimmid magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament sintetiċi tal-politetrafluworoetilen magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament sintetiċi tal-poli(sulfur tal-fenilen) magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament sintetiċi tal-poli(klorur tal-vinil) magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament artifiċjali tal-viskoss magħmula mill-bniedem;
– fibri tal-filament artifiċjali oħra magħmula mill-bniedem;
– filamenti li minnhom jgħaddi l-kurrent;
– fibri prinċipali sintetiċi tal-polipropilen magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali sintetiċi tal-poliester magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali sintetiċi tal-poliammid magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali sintetiċi tal-poliakrilonitril magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali sintetiċi tal-poliimmid magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali sintetiċi tal-politetrafluworoetilen magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali sintetiċi tal-poli(sulfur tal-fenilen) magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali sintetiċi tal-poli(klorur tal-vinil) magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali artifiċjali tal-viskoss magħmula mill-bniedem;
– fibri prinċipali artifiċjali oħra magħmula mill-bniedem;
– raden magħmul mill-poliuretan maqsum f'segmenti flessibbli tal-polietere, sew jekk mibruma jew le;
– prodotti tal-intestatura 5605 (raden metallizzat) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' rita tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju sew jekk le, wiesgħa sa 5 mm, infilzata b'kolla trasparenti jew ikkulurita bejn żewġ saffi ta' rita tal-plastik;
– prodotti oħra tal-intestatura 5605;
– fibri tal-ħġieġ;
– fibri metalliċi;
– fibri minerali.

6.3. Fil-każ ta' prodotti li fihom "raden magħmul mill-poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli ta' polietere, sew jekk b'wajer ġo fih kif sew jekk le", din it-tolleranza hi 20 % fir-rigward ta' dan ir-raden.

6.4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' rita tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju sew jekk le, wiesgħa sa 5 mm, infilzata b'kolla trasparenti jew ikkulurita bejn żewġ saffi ta' rita tal-plastik", din it-tolleranza hi 30 % fir-rigward ta' din l-istrixxa.

Nota 7 – Tolleranzi oħrajn applikabbli għal ċerti prodotti tat-tessuti

7.1. Jekk fil-lista ssir referenza għal din in-Nota, jistgħu jintużaw materjali tessili (għajr għall-kisi u l-kisi minn ġewwa) li ma jissodisfawx ir-regola stabbilita fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodott maħdum ikkonċernat, diment li jkunu kklassifikati f'intestatura oħra għajr għal dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

7.2. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 6.3, il-materjali li mhumiex ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw b'mod ħieles fil-manifattura tal-prodotti tat-tessut, sew jekk ikun fihom it-tessut u sew jekk le.

7.3. Jekk tkun tapplika regola tal-persentaġġi, għall-kalkolu tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji li jkunu inkorporati jrid jitqies il-valur tal-materjali mhux oriġinarji li mhumiex ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63.

Nota 8 – Definizzjoni tal-proċessi speċifiċi u l-operazzjonijiet sempliċi mwettqin fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-Kapitolu 27

8.1. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, "il-proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni ġo vakwu;

(b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni bir-reqqa;

(c) xpakkar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni b'solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkorpora l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, anidride oleu jew sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attivat, faħam tal-kannol jew boksajt attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni.

8.2. Għall-finijiet tal-intestaturi 2710, 2711 u 2712, "il-proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni ġo vakwu;

(b) ridistillazzjoni bi proċess ta' frazzjonazzjoni bir-reqqa;

(c) xpakkar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni b'solventi selettivi;

(f) il-proċess jinkludi dawn l-operazzjonijiet kollha: ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, anidride oleu jew sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attivat, faħam tal-kannol jew boksajt attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni;

(j) fir-rigward ta' żjut tqal tal-intestatura ex 2710 biss, desulfurizzazzjoni bl-idroġenu, li twassal għal tnaqqis ta' mill-anqas 85 % fil-kontenut tal-kubrit mill-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);

(k) fir-rigward tal-prodotti tal-intestatura 2710 biss, deparaffinar bi proċess ieħor għajr il-filtrazzjoni;

(l) fir-rigward ta' żjut tqal tal-intestatura ex 2710 biss, trattament bl-idroġenu bi pressa akbar minn 20 bar u b'temperatura ogħla minn 250 °C, bl-użu ta' katalist, għajr biex issir id-desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu jkun jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. Iżda t-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta' żjut lubrikanti tal-intestatura ex 2710 (eż. l-idrotlestija jew id-dekolorizzazzjoni) speċjalment biex jitjiebu l-kulur jew l-istabbiltà, ma għandux jitqies bħala proċess speċifiku;

(m) fir-rigward ta' żjut karburanti tal-intestatura ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, diment li anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bil-volum, inkluż it-telf, fi 300 °C, bil-metodu ASTM D 86;

(n) fir-rigward ta' żjut tqal għajr iż-żjut tal-gass u ż-żjut karburanti tal-intestatura ex 2710 biss, trattament bi skarga elettrika ta' frekwenza għolja;

(o) fir-rigward ta' prodotti mhux raffinati (għajr il-vażelina, l-ożoċerita, ix-xama' tal-linjite jew ix-xama' tal-pit, ix-xama' tal-paraffina li fiha anqas minn 0,75 % żejt) tal-intestatura ex 2712 biss, tneħħija taż-żejt permezz ta' kristallizzazzjoni frazzjonali.

8.3. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, operazzjonijiet sempliċi, bħal tindif, dikantar, tneħħija tal-melħ, separazzjoni tal-ilma, iffiltrar, kolorizzazzjoni, immarkar, kisba ta' kontenut ta' kubrit permezz ta' taħlit ta' prodotti ma' kontenuti differenti tal-kubrit, jew xi kombinazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet jew oħrajn simili, ma jagħtux l-oriġini.

Nota 9 – Definizzjoni tal-proċessi speċifiċi u l-operazzjonijiet sempliċi mwettqin fir-rigward ta' ċerti prodotti

Nota 9.1: Il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 30 miksuba f'Parti Kontraenti bl-użu ta' kulturi taċ-ċelloli għandhom jitqiesu li joriġinaw f'dik il-Parti. "Kultura taċ-ċelloli" tfisser il-kultivazzjoni ta' ċelloli umani, tal-annimali u tal-pjanti f'kundizzjonijiet ikkontrollati (bħal temperaturi, medju tat-tkabbir, taħlita ta' gassijiet, pH definiti) 'il barra minn organiżmu ħaj.

Nota 9.2: Il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 29 (għajr għal: 2905.43-2905.44), 30, 32, 33 (għajr għal: 3302.10, 3301) 34, 35 (għajr għal: 35.01, 3502.11-3502.19, 3502.20, 35.05), 36, 37, 38 (għajr għal: 3809.10, 38.23, 3824.60, 38.26) u 39 (għajr għal: 39.16-39.26):miksuba f'Parti Kontraenti bil-fermentazzjoni għandhom jitqiesu li joriġinaw f'dik il-Parti. "Fermentazzjoni" hi proċess bijoteknoloġiku li fih jintużaw

ċelloli umani, tal-annimali jew tal-pjanti, batterji, ħmira, fungi jew enżimi biex jipproduċu prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 29 sa 39.

Nota 9.3: Wara t-trasformazzjonijiet, dawn jitqiesu biżżejjed skont l-Artikolu 4 għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 28, 29 (għajr għal: 2905.43-2905.44), 30, 32, 33 (għajr għal: 3302.10, 3301) 34, 35 (għajr għal: 35.01, 3502.11-3502.19, 3502.20, 35.05), 36, 37, 38 (għajr għal: 3809.10, 38.23, 3824.60, 38.26) u 39 (għajr għal: 39.16-39.26):

- Reazzjoni kimika: "Reazzjoni kimika" hi proċess (inkluż proċess bijokimiku) li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida bit-tkissir ta' rabtiet intramolekulari u bl-iffurmar ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew bl-alterazzjoni tal-arranġament spazjali tal-atomi ġo molekula. Reazzjoni kimika tista' tiġi espressa permezz ta' bidla fin-"numru CAS".

  Jenħtieġ li l-proċessi li ġejjin ma jitqisux għal finijiet tal-oriġini:(a)taħlil fl-ilma jew solventi oħra;(b)it-tneħħija ta' solventi inkluż l-ilma solventi; jew (c) iż-żieda jew it-tneħħija ta' ilma tal-kristallizzazzjoni Reazzjoni kimika kif definita hawn fuq għandha titqies li tagħti l-oriġini.

- **Taħlitiet**: It-taħlit intenzjonat u kkontrollat b'mod proporzjonat (inkluż id-dispersjoni) tal-materjali, għajr iż-żieda ta' dilwenti, għall-konformità ma' speċifikazzjonijiet predeterminati, li jwassal għall-produzzjoni ta' oġġett b'karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi li huma rilevanti għall-finijiet jew għall-użi tal-oġġett u li huma differenti mill-materjali tal-input għandu jitqies li jagħti l-oriġini.

- **Purifikazzjoni**: Il-purifikazzjoni għandha titqies li tagħti l-oriġini diment li l-purifikazzjoni li ssir fit-territorju tal-Partijiet twassal biex jiġi ssodisfat xi wieħed minn dawn il-kriterji:

(a) purifikazzjoni ta' oġġett li twassal għat-tneħħija ta' mill-inqas 80 % tal-kontenut tal-impuritajiet eżistenti; jew

(b) it-tnaqqis jew it-tneħħija ta' impuritajiet li jwasslu għal oġġett adattat għal waħda jew aktar mill-applikazzjonijiet li ġejjin:

(i) sustanzi farmaċewtiċi, mediċinali, kożmetiċi, veterinarji jew tal-gradi alimentari;

(ii) prodotti kimiċi u reaġenti għal użi analitiċi, dijanjostiċi jew tal-laboratorju;

(iii) elementi jew komponenti għal użu f'mikroelettroniċi;

(iv) użi ottiċi speċjali;

(v) użu bijotekniku (eż., fil-kultura taċ-ċelloli, fit-teknoloġija ġenetika, jew bħala katalist);

(vi) trasportaturi użati fi proċessi tas-separazzjoni; jew

(vii) użi ta' grad nukleari.

- **Bidla fid-daqs tal-partikola**: Il-modifika intenzjonata u kontrollata fid-daqs tal-partikola ta' oġġett, għajr is-sempliċiment tifrik jew ippressar, li twassal biex l-oġġett ikollu daqs definit tal-partikola, distribuzzjoni definittiva tad-daqs tal-partikola jew erja tas-superfiċje definita, li jkunu rilevanti għall-iskopijiet tal-oġġett riżultanti u li jkollhom karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi differenti mill-materjali tal-input, għandha titqies li tagħti l-oriġini.

- **Materjali standard**: Il-materjali standard (inkluż is-soluzzjonijiet standard) huma preparati adattati għal użi analitiċi, ta' kalibrazzjoni jew referenzjarji li jkollhom

gradi preċiżi ta' purità jew proporzjonijiet li jiġu ċċertifikati mill-manifattur. Il-produzzjoni tal-materjali standard għandha titqies li tagħti l-oriġini.

- **Separazzjoni tal-isomeri**: L-iżolament jew is-separazzjoni tal-isomeri minn taħlita ta' isomeri għandhom jitqiesu li jagħtu l-oriġini.

ANNESS II

Lista tal-ħidma jew tal-ipproċessar li jeħtieġ isiru fuq materjali mhux oriġinarji biex il-prodott maħdum jikseb status oriġinarju

Intestatura SA	**Deskrizzjoni tal-prodott**	**Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status oriġinarju**
(1)	(2)	(3)
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 għandhom jinkisbu għalkollox
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Manifattura fejn kull laħam u ġewwieni li jittiekel fil-prodotti ta' dan il-Kapitolu jkun inkiseb għalkollox
Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti li jittieklu u li joriġinaw mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jkunu nkisbu għalkollox
ex Kapitolu 5	Prodotti li ġejjin mill-annimali u li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
ex 0511 91	Bajd u sperma tal-ħut li ma jittiklux	Il-bajd u l-isperma kollha jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 7	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi li jistgħu jittieklu	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 8	Frott u ġwież li jistgħu jittieklu; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ	Manifattura fejn il-frott, il-ġwież, il-qxur tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ kollha tal-Kapitolu 8 użati jkunu nkisbu għalkollox

Intestatura SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status oriġinarju
Kapitolu 9	Kafè, te, matè u ħwawar	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; xgħir; lamti; inulina; gluteina tal-qamħ	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 8, 10 u 11, l-intestaturi 0701, 0714, 2302 u 2303, u s-subintestatura 0710 10 użati jkunu nkisbu għalkollox
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott
ex Kapitolu 13	Gommalakka; gomom, rażi u linef u estratti veġetali oħrajn; għajr	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
ex 1302	Sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
Kapitolu 14	Materjali veġetali tad-dfir; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
ex Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut tal-annimali jew tal-ħxejjex, u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati li jistgħu jittieklu; xama' mill-annimali jew veġetali; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott

Intestatura SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħtu status oriġinarju
1504 sa 1506	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut u mammiferi tal-baħar; xaħam tas-suf u sustanzi xaħmin derivati minnu (inkluż il-lanolina); xaħam u żjut oħrajn tal-annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
Dikjarazzjoni ċċertifikata Dokument tal-esportazzjoni [2] Formola .....Nru ……... Ta' ……. Uffiċċju doganali .....…… Pajjiż jew territorju tal-ħruġ ..... Timbru .... Post u data ……..... ..... ……..... (Firma)	Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-merkanzija hawn fuq deskritta tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat. Post u data ……..... ..... (Firma)

13. TALBA GĦAL VERIFIKA, lil	**14. RIŻULTAT TAL-VERIFIKA**
	Il-verifika li twettqet turi li dan iċ-ċertifikat [1] ☐ inħareġ mill-uffiċċju doganali indikat u li l-informazzjoni li tinsab fih hi eżatta. ☐ ma jissodisfax ir-rekwiżiti fir-rigward tal-awtentiċità u tal-eżattezza (ara r-rimarki mehmuża).

[2].Imla biss jekk ir-regolamenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-esportazzjoni jkunu jeżiġu li jsir hekk.

Intalbet verifika tal-awtentiċità u tal-eżattezza ta' dan iċ-ċertifikat. ..... (Post u data) Timbru ..... (Firma)	..... (Post u data) Timbru ..... (Firma) (1) Niżżel X fil-kaxxa xierqa.

NOTI

1. Iċ-ċertifikat ma jistax ikollu ingassar jew kliem miktub fuq xulxin. Kull tibdil irid isir billi jitħassru d-dettalji żbaljati u jiżdiedu l-korrezzjonijiet meħtieġa. Dan it-tibdil irid jiġi inizjalat mill-persuna li mliet iċ-ċertifikat u jrid jiġi approvat mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż jew it-territorju tal-ħruġ.
2. Ma jrid jitħalla l-ebda spazju bejn l-oġġetti mniżżla fiċ-ċertifikat u quddiem kull oġġett irid jitniżżel in-numru tal-oġġett. Trid tinġibed linja mimduda minnufih taħt l-aħħar oġġett. Kull spazju mhux użat irid jinqata' b'tali mod u manjiera li ma jkunux jistgħu jsiru aktar żidiet.
3. Il-merkanzija trid tiġi deskritta skont il-prassi kummerċjali u bid-dettalji kollha meħtieġa ħalli tkun tista' tiġi identifikata.

APPLIKAZZJONI GĦAL ĊERTIFIKAT TAL-MOVIMENT

1. Esportatur (Isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**EUR.1** No**A** 000.000 Qabel timla din il-formola, ara n-noti fil-paġna ta' wara.
	2. Applikazzjoni għal ċertifikat biex jintuża fil-kummerċ preferenzjali bejn ..... **kif ukoll** ..... (Niżżel il-pajjiżi, il-gruppi tal-pajjiżi jew it-territorji adatti)
3. Destinatarju (Isem, indirizz sħiħ, pajjiż) (Mhux obbligatorju)	**4. Pajjiż, grupp ta' pajjiżi jew territorji fejn il-prodotti huma kkunsidrati oriġinarji** / **5. Pajjiż, grupp ta' pajjiżi jew territorju tad-destinazzjoni**
6. Dettalji tat-trasport (Mhux obbligatorji)	**7. Rimarki**

8. **Numru tal-oġġett; Marki u numri; Għadd u tip ta' pakketti** [1] **Deskrizzjoni tal-merkanzija**	9. **Massa grossa (kg) jew kejl ieħor (litri, m^3, eċċ.)**	10. **Fatturi** (mhux obbligatorji)

(1) Jekk il-merkanzija ma tiġix ippakkjata, indika l-għadd tal-oġġetti jew iddikjara "bl-ingrossa" skont kif xieraq

DIKJARAZZJONI TAL-ESPORTATUR

Jiena, hawn taħt iffirmat, esportatur tal-merkanzija deskritta hawn wara,

NIDDIKJARA LI il-merkanzija tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ taċ-ċertifikat mehmuż;

NISPEĊIFIKA kif ġej iċ-ċirkostanzi li jippermettu li din il-merkanzija tirrispetta l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq:

.....

.....

.....

.....

NIPPREŻENTA id-dokumenti ta' prova li ġejjin([61]):

.....

.....

.....

.....

NINTRABAT LI nissottometti, meta nintalab mill-awtoritajiet xierqa, kull evidenza ġustifikattiva li dawn l-awtoritajiet jistgħu jitolbu biex jinħareġ iċ-ċertifikat mehmuż, u jekk ikun meħtieġ nintrabat li nagħti l-aċċess għal kull spezzjoni tal-kontijiet tiegħi u għal kull verifika tal-proċessi tal-manifattura tal-merkanzija ta' hawn fuq, imwettqa mill-imsemmija awtoritajiet;

NITLOB il-ħruġ taċ-ċertifikat mehmuż għal din il-merkanzija.

....

(Post u data)

.....

(Firma)

[61] Pereżempju: dokumenti tal-importazzjoni, ċertifikati tal-moviment, fatturi, dikjarazzjonijiet tal-manifattur, eċċ., li jirreferu għall-prodotti użati fil-manifattura jew għall-merkanzija esportata mill-ġdid fl-istess stat.

ANNESS V

Kundizzjonijiet speċjali dwar il-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla

Artikolu Uniku

1. Filwaqt li jikkonformaw mar-regola tan-nonalterazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Appendiċi I, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala:

(1) prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla:

(a) prodotti miksuba għalkollox minn Ceuta u Melilla;

(b) prodotti miksuba f'Ceuta u Mellilla li fil-manifattura tagħhom jintużaw prodotti li mhumiex imsemmija fil-punt (a), diment li:

(i) dawn l-imsemmijin prodotti jkunu sarulhom biżżejjed ħidma jew ipproċessar skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Appendiċi I; jew li

(ii) dawk il-prodotti joriġinaw fil-Parti Kontraenti importatriċi jew fl-Unjoni Ewropea, sakemm ikunu sarulhom ħidma jew ipproċessar li jmorru lil hinn mill-ħidma msemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

(2) prodotti li joriġinaw fil-Parti Kontraenti esportatriċi, għajr l-Unjoni Ewropea:

(a) prodotti miksubin għalkollox fil-Parti Kontraenti esportatriċi;

(b) prodotti miksubin fil-Parti Kontraenti esportatriċi, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw prodotti differenti minn dawk imsemmijin f'(a), sakemm:

(i) dawn l-imsemmijin prodotti jkunu sarulhom biżżejjed ħidma jew ipproċessar skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tal-Appendiċi I; jew li

(ii) dawk il-prodotti jkunu joriġinaw f'Ceuta u Melilla jew fl-Unjoni Ewropea, diment li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar li jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu territorju wieħed.

3. L-esportatur, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, għandu jniżżel isem il-Parti Kontraenti esportatriċi jew importatriċi u "Ceuta u Melilla" fil-Kaxxa 2 taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew fid-dikjarazzjonijiet tal-oriġini. Barra minn dan, fil-każ tal-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan għandu jitniżżel fil-Kaxxa 4 taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini.

4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli mill-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni f'Ceuta u Melilla.

ANNESS VI

Dikjarazzjoni tal-fornitur

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar f'Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji mingħajr ma jkun inkiseb status ta' oriġini preferenzjali

Jiena, hawn taħt iffirmat, fornitur tal-merkanzija koperta bid-dokument mehmuż, niddikjara li:

1. Il-materjali li ġejjin, li ma joriġinawx fi [indika l-isem tal-Partijiet Kontraenti rilevanti], ġew użati fi [indika l-isem tal-Partijiet Kontraenti rilevanti] biex tiġi prodotta din il-merkanzija:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta (1)	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati (2)	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati (2)(3)
		Valur totali	

2. Il-materjali l-oħra kollha użati fi [indika l-isem tal-Partijiet Kontraenti rilevanti] biex tiġi prodotta din il-merkanzija joriġinaw fi [indika l-isem tal-Partijiet Kontraenti rilevanti];

3. Il-merkanzija li ġejja ġiet maħduma jew ipproċessata barra minn [indika l-isem tal-Partijiet Kontraenti rilevanti] skont l-Artikolu 13 tal-Appendiċi I u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	Valur miżjud totali miksub barra minn [indika l-isem tal-Partijiet Kontraenti rilevanti] (4)
	(Post u data)

(indirizz u firma tal-fornitur; minbarra dan, isem il-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

(1) Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinħemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

(2) L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu 62 tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' dan l-ilbies fl-Alġerija juża drapp importat mill-UE li hemmhekk ikun inkiseb minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-UE li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' dan ir-raden.

Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

(3) "valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista' jiġi aċċertat li jkun tħallas għall-materjali fi [indika isem il-Parti Kontraenti rilevanti].

Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat irid jingħata għal kull unità tal-merkanzija speċifikata fl-ewwel kolonna.

(4) "Valur miżjud totali" tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra minn [indika l-isem tal-Parti Kontraenti rilevanti], inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjuda hemmhekk. Il-valur miżjud totali eżatt miksub barra [indika l-isem tal-Parti Kontraenti rilevanti] jrid jingħata għal kull unità tal-merkanzija speċifikata fl-ewwel kolonna.

ANNESS VII

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu twil, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR GĦAL PERJODU TWIL

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar f'Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji mingħajr ma jkun inkiseb status ta' oriġini preferenzjali

Jiena, hawn taħt iffirmat, fornitur tal-merkanzija koperta bid-dokument mehmuż, li tiġi fornuta b'mod regolari lil [(1)] ……. niddikjara li:

1. Il-materjali li ġejjin, li ma joriġinawx fi [indika l-isem tal-Parti Kontraenti rilevanti], ġew użati fi [indika l-isem tal-Parti Kontraenti rilevanti] biex tiġi prodotta din il-merkanzija:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta [(2)]	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati [(3)]	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati [(3)(4)]
		Valur totali	

2. Il-materjali l-oħra kollha użati fi [indika l-isem tal-Parti Kontraenti rilevanti] biex tiġi prodotta din il-merkanzija joriġinaw fi [indika l-isem tal-Parti Kontraenti rilevanti];

3. Il-merkanzija li ġejja ġiet maħduma jew ipproċessata barra minn [indika l-isem tal-Partijiet Kontraenti rilevanti] skont l-Artikolu 13 tal-Appendiċi I u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	Valur miżjud totali miksub barra minn [indika l-isem tal-Partijiet Kontraenti rilevanti] [(5)]

Din id-dikjarazzjoni hi valida għall-kunsinni kollha sussegwenti ta' din il-merkanzija mibgħuta

minn ……..

lejn …… [(6)]

Jien nintrabat li ninforma lil …….. [(1)] minnufih jekk din id-dikjarazzjoni ma tkunx għadha valida.

(Post u data)
(Indirizz u firma tal-fornitur; minbarra dan, isem il-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

(1) L-isem u l-indirizz tal-klijent

(2) Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinhemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

(3) L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu 62 tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' dan l-ilbies fl-Alġerija juża drapp importat mill-UE li hemmhekk ikun inkiseb minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-UE li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' dan ir-raden.

Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

(4) "valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi aċċertat, l-ewwel prezz li jista' jiġi aċċertat li jkun tħallas għall-materjali fi [indika isem il-Parti Kontraenti rilevanti].

Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat irid jingħata għal kull unità tal-merkanzija speċifikata fl-ewwel kolonna.

(5) "Valur miżjud totali" tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra minn [indika l-isem tal-Parti Kontraenti rilevanti], inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjuda hemmhekk. Il-valur miżjud totali eżatt miksub barra [indika l-isem tal-Parti Kontraenti rilevanti] jrid jingħata għal kull unità tal-merkanzija speċifikata fl-ewwel kolonna.

(6) Daħħal id-dati. Normalment il-perjodu tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma jkunx jaqbeż it-12-il xahar, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

ANNESS VIII

Lista tal-Partijiet Kontraenti li jkunu għażlu li jestendu l-applikazzjoni tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 7 fuq l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata

Il-Partijiet Kontraenti li jużaw din l-għażla huma elenkati hawn taħt.

Appendiċi II

Derogi speċjali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi I

WERREJ

Artikolu 1

ANNESS I	Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni
ANNESS II	Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija
ANNESS III	Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk
ANNESS IV	Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija
ANNESS V	Kummerċ bejn ir-Repubblika tat-Turkija u pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni
ANNESS VI	Kummerċ bejn ir-Repubblika tat-Turkija u r-Renju tal-Marokk
ANNESS VII	Kummerċ bejn ir-Repubblika tat-Turkija u r-Repubblika tat-Tuneżija
ANNESS VIII	Kummerċ bejn l-Istati tal-EFTA u r-Repubblika tat-Tuneżija
ANNESS IX	Kummerċ fil-qafas tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn il-Pajjiżi Għarab tal-Mediterran (il-Ftehim ta' Agadir)
ANNESS X	Il-kummerċ kopert mill-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) li jinvolvi r-Repubblika tal-Moldova u l-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea
ANNESS A	Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali
ANNESS B	Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali
ANNESS C	Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali
ANNESS D	Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali
ANNESS E	Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali
ANNESS F	Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali
ANNESS G	Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Istati Partijiet tas-CEFTA mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

ANNESS H Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Istati Partijiet tas-CEFTA mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Artikolu 1

1. Dan l-Appendiċi jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali li kienu miftiehma qabel l-01.01.2019 u li huma applikabbli bejn ċerti Partijiet Kontraenti u li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stipulati fl-Appendiċi I

ANNESS I

Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

Artikolu 1

Il-prodotti elenkati hawn taħt għandhom jiġu esklużi mill-akkumulazzjoni li jipprevedi l-Artikolu 7 tal-Appendiċi I, jekk:

a) il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija jkun l-Unjoni Ewropea, u:

(i) il-materjali użati fil-manifattura ta' dawn il-prodotti jkunu oriġinaw fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni; jew

(ii) dawn il-prodotti jkunu kisbu l-oriġini tagħhom fuq il-bażi ta' ħidma jew ipproċessar li jkunu saru fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni;

jew

b) il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija jkun kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u:

(i) il-materjali użati fil-manifattura ta' dawn il-prodotti jkunu joriġinaw fl-Unjoni Ewropea; jew

(ii) dawn il-prodotti jkunu kisbu l-oriġini tagħhom fuq il-bażi ta' ħidma jew ipproċessar imwettqa fl-Unjoni Ewropea.

Kodiċi NM	**Deskrizzjoni**
1704 90 99	Ħelu taz-zokkor ieħor, mingħajr kawkaw
1806 10 30	Ċikkulata u preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw
1806 10 90	- Trab tal-kawkaw, li fih zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda: - - Li fihom 65 % jew aktar iżda inqas minn 80 % skont il-piż ta' sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju) jew isoglukożju espress bħala sukrożju - - Li fihom 80 % jew aktar skont il-piż ta' sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju) jew isoglukożju espress bħala sukrożju
1806 20 95	Preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw fi blokok, ċangaturi jew biċċiet sħaħ li jiżnu aktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulat jew xi forma oħra bl-ingrossa f'kontenituri jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut ta' aktar minn 2 kg -- Oħrajn --- Oħrajn
1901 90 99	Estratt tax-xgħir, preparati tal-ikel tad-dqiq, groats (xgħir u barli mitħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma fihomx kawkaw jew

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
	fihom inqas minn 40 % kawkaw skont il-piż ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, preparati tal-ikel minn merkanzija tal-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5 % kawkaw skont il-piż ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra - Oħrajn -- Oħrajn (għajr estratt tax-xgħir) --- Oħrajn
2101 12 98	Preparati oħrajn b'bażi ta' kafè
2101 20 98	Preparati oħrajn b'bażi ta' tè jew matè
2106 90 59	Preparati tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra - Oħrajn -- Oħrajn
2106 90 98	Preparati tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra: - Oħrajn (minbarra konċentrati ta' proteini u sustanzi ta' proteina b'konsistenza) -- Oħrajn --- Oħrajn
3302 10 29	Taħlitiet ta' sustanzi li jfuħu u taħlitiet (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparati oħrajn ibbażati fuq sustanzi li jfuħu, ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb: -Ta' tip użati fl-industriji tal-ikel u x-xorb --Ta' tip użati fl-industriji tax-xorb: ---Preparati li fihom l-aġenti kollha ta' taħwir li jikkaratterizzaw xarba: ----B'qawwa alkoħolika effettiva skont il-volum ta' aktar minn 0.5 % ----Oħrajn: -----Li ma fihomx xaħam tal-ħalib, sukrożju, isoglukożju, glukożju jew lamtu jew li, skont il-piż, fihom inqas minn 1.5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrożju jew isoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu -----Oħrajn

ANNESS II

Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija

Artikolu 1

Il-merkanzija li tkun kisbet l-oriġini tagħha permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandha tiġi eskluża mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fl-Unjoni Ewropea

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fil-Marokk, fl-Alġerija jew fit-Tuneżija għandhom jitqiesu bħala li jkunu twettqu fl-Unjoni Ewropea meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar sussegwenti fl-Unjoni Ewropea. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fl-Alġerija

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fl-Unjoni Ewropea, fil-Marokk jew fit-Tuneżija għandhom jitqiesu bħala li twettqu fl-Alġerija meta l-prodotti miksubin isirulhom ħidma jew ipproċessar sussegwenti fl-Alġerija. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-pajjiżi kkonċernati, għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Alġerija biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Alġerija jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Alġerija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Alġerija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew tiġi mfassla dikjarazzjoni tal-oriġini, fl-Unjoni Ewropea jew fl-Alġerija għal prodotti oriġinarji, li fil-manifattura

tagħhom tkun intużat merkanzija li tkun ġejja mill-Alġerija, mill-Marokk, mit-Tuneżija jew mill-Unjoni Ewropea li tkun ġiet sottoposta għal ħidma jew ipproċessar f'dawn il-pajjiżi mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija fir-rigward ta' dawn il-prodotti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tal-ħidma jew l-ipproċessar li għalihom tkun ġiet sottoposta l-merkanzija kkonċernata fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fl-Unjoni Ewropea bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom tkun intużat din il-merkanzija, ikunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Alġerija u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f'każijiet previsti fil-paragrafu 4, issir mill-fornitur għal kull kunsinna ta' merkanzija fil-forma preskritta fl-Anness A fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota ta' kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-merkanzija kkonċernata b'mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li tkun tista' tiġi identifikata.

4. Meta fornitur li jipprovdi, fuq bażi regolari, lil klijent partikolari b'oġġetti li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fl-Unjoni Ewropea, ikun mistenni jibqa' kostanti għal perjodi konsiderevoli ta' żmien, jista' jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegwenti ta' dawk l-oġġetti, minn hawn 'l quddiem imsejħa "dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul".

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul normalment tista' tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness B u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tiġi pprovduta lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel kunsinna ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel kunsinna tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu minnufih jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma tkunx għadha applikabbli għall-merkanzija fornuta.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tiġi ttajpjata jew stampata f'waħda mil-lingwi li fihom tfassal dan il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandu jkollha fuqha l-firma oriġinali magħmula bil-miktub mill-fornitur. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; f'dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka u b'karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt u fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xierqa kollha li jixhdu li l-informazzjoni mogħtija f'din id-dikjarazzjoni hija korretta.

Artikolu 6

Dokumenti ta' prova

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tagħti prova li l-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fl-Unjoni Ewropea, fit-Tuneżija, fil-Marokk jew fl-Alġerija skont il-materjali użati, imfassla f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-

Artikoli 20 (3) u 18 (3) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użat bħala prova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Alġerija u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, ta' karti tal-konsenja jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, karta tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness. Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

Artikolu 8

Kooperazzjoni amministrattiva

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-Unjoni Ewropea u l-Alġerija għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtenticità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal perjodu fit-tul jistgħu jsiru b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn ikunu tqiesu dawn id-dikjarazzjonijiet biex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtenticità tad-dokument jew dwar il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, il-karta jew karti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li jikkonċernaw oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet tas-sustanza jew tal-forma tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għall-verifika sussegwenti, dawn għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkunu nkisbu u li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur mhix korretta.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsejħu għal kwalunkwe evidenza u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk, u sa liema punt, id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx tista' titqies sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża t-tfassil ta', dokument li jkun fih informazzjoni skorretta għall-fini li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

Artikolu 11

Żoni ħielsa

1. L-Unjoni Ewropea u l-Alġerija għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti kummerċjalizzati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona libera li tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajr minn operazzjonijiet normali maħsubin sabiex jiġi evitat li jiddeterjoraw.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Alġerija jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jsirulhom trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS III

Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk

Artikolu 1

Il-merkanzija li tkun kisbet l-oriġini tagħha permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandha tiġi eskluża mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fl-Unjoni Ewropea

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fil-Marokk, fl-Alġerija jew fit-Tuneżija għandhom jitqiesu bħala li jkunu twettqu fl-Unjoni Ewropea meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar sussegwenti fl-Unjoni Ewropea. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fil-Marokk

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija jew fit-Tuneżija għandhom jitqiesu bħala li twettqu fil-Marokk meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar sussegwenti fil-Marokk. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fil-Marokk biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Marokk jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Marokk, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Marokk, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew tiġi mfassla dikjarazzjoni tal-oriġini, fl-Unjoni Ewropea jew fil-Marokk, għal prodotti oriġinarji, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw oġġetti li jkunu ġejjin mill-Alġerija, mill-Marokk, mit-Tuneżija jew mill-Unjoni Ewropea li jkunu ġew sottoposti għal ħidma jew ipproċessar f'dawn il-

pajjiżi mingħajr ma jkunu kisbu status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija fir-rigward ta' dawn il-prodotti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tal-ħidma jew l-ipproċessar li għalihom ikunu ġew sottoposti l-oġġetti kkonċernati fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fl-Unjoni Ewropea bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-oġġetti jkunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Marokk u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta’ din il-Konvenzjoni.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f’każijiet previsti fil-paragrafu 4, issir mill-fornitur għal kull kunsinna ta’ merkanzija fil-forma preskritta fl-Anness A fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota ta' kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-merkanzija kkonċernata b’mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li tkun tista’ tiġi identifikata.

4. Meta fornitur li jipprovdi, fuq bażi regolari, lil klijent partikolari b’oġġetti li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fl-Unjoni Ewropea, ikun mistenni jibqa’ kostanti għal perjodi konsiderevoli ta’ żmien, jista’ jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegwenti ta’ dawk l-oġġetti, minn hawn ’l quddiem imsejħa “dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul”.

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul normalment tista' tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness B u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b’mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tiġi pprovduta lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel kunsinna ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel kunsinna tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu minnufih jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma tkunx għadha applikabbli għall-merkanzija fornuta.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tiġi ttajpjata jew stampata f'waħda mil-lingwi li fihom tfassal dan il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandu jkollha fuqha l-firma oriġinali magħmula bil-miktub mill-fornitur. Id-dikjarazzjoni tista’ ssir ukoll bil-miktub; f’dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka u b’karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt u fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xierqa kollha li jixhdu li l-informazzjoni mogħtija f’din id-dikjarazzjoni hija korretta.

Artikolu 6

Dokumenti ta’ prova

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tagħti prova li l-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fl-Unjoni Ewropea, fit-Tuneżija, fil-Marokk jew fl-Alġerija skont il-materjali użati, imfassla f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 20 (3) u 18 (3) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użat bħala prova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni

tal-oriġini jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Marokk u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, ta' karti tal-konsenja jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, karta tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness. Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

Artikolu 8

Kooperazzjoni amministrattiva

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-Unjoni Ewropea u l-Marokk għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal perjodu fit-tul jistgħu jsiru b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn ikunu tqiesu dawn id-dikjarazzjonijiet biex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew dwar il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, il-karta jew karti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li jikkonċernaw oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet tas-sustanza jew tal-forma tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għall-verifika sussegwenti, dawn għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkunu nkisbu u li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur mhix korretta.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsejħu għal kwalunkwe evidenza u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-

informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk, u sa liema punt, id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx tista' titqies sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża t-tfassil ta', dokument li jkun fih informazzjoni skorretta għall-fini li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

Artikolu 11

Żoni ħielsa

1. L-Unjoni Ewropea u l-Marokk għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti kummerċjalizzati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona libera li tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajr minn operazzjonijiet normali maħsubin sabiex jiġi evitat li jiddeterjoraw.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fil-Marokk jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jsirulhom trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS IV

Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija

Artikolu 1

Il-merkanzija li tkun kisbet l-oriġini tagħha permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandha tiġi eskluża mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fl-Unjoni Ewropea

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fil-Marokk, fl-Alġerija jew fit-Tuneżija għandhom jitqiesu bħala li jkunu twettqu fl-Unjoni Ewropea meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar sussegwenti fl-Unjoni Ewropea. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fit-Tuneżija

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fl-Unjoni Ewropea, fil-Marokk jew fl-Alġerija għandhom jitqiesu bħala li twettqu fit-Tuneżija meta l-prodotti miksubin isirulhom ħidma jew ipproċessar sussegwenti fit-Tuneżija. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fit-Tuneżija biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tat-Tuneżija jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew tiġi mfassla dikjarazzjoni tal-oriġini, fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija, għal prodotti oriġinarji, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw oġġetti li jkunu ġejjin mill-Alġerija, mill-Marokk, mit-Tuneżija jew mill-Unjoni Ewropea li jkunu ġew sottoposti għal ħidma jew ipproċessar f'dawn il-

pajjiżi mingħajr ma jkunu kisbu status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija fir-rigward ta' dawn il-prodotti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tal-ħidma jew l-ipproċessar li għalihom ikunu ġew sottoposti l-oġġetti kkonċernati fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fl-Unjoni Ewropea bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-oġġetti, ikunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta’ din il-Konvenzjoni.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f’każijiet previsti fil-paragrafu 4, issir mill-fornitur għal kull kunsinna ta’ merkanzija fil-forma preskritta fl-Anness A fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota ta' kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-merkanzija kkonċernata b’mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li tkun tista’ tiġi identifikata.

4. Meta fornitur li jipprovdi, fuq bażi regolari, lil klijent partikolari b’oġġetti li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fl-Unjoni Ewropea, ikun mistenni jibqa’ kostanti għal perjodi konsiderevoli ta’ żmien, jista’ jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegwenti ta’ dawk l-oġġetti, minn hawn ’l quddiem imsejħa “dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul”.

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul normalment tista' tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness B u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b’mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tiġi pprovduta lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel kunsinna ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel kunsinna tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu minnufih jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma tkunx għadha applikabbli għall-merkanzija fornuta.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tiġi ttajpjata jew stampata f'waħda mil-lingwi li fihom tfassal dan il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandu jkollha fuqha l-firma oriġinali magħmula bil-miktub mill-fornitur. Id-dikjarazzjoni tista’ ssir ukoll bil-miktub; f’dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka u b’karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt u fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xierqa kollha li jixhdu li l-informazzjoni mogħtija f’din id-dikjarazzjoni hija korretta.

Artikolu 6

Dokumenti ta’ prova

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tagħti prova li l-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fl-Unjoni Ewropea, fit-Tuneżija, fil-Marokk jew fl-Alġerija skont il-materjali użati, imfassla f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 20 (3) u 18 (3) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użat bħala prova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni

tal-oriġini jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, ta' karti tal-konsenja jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, karta tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness. Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

Artikolu 8

Kooperazzjoni amministrattiva

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal perjodu fit-tul jistgħu jsiru b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn ikunu tqiesu dawn id-dikjarazzjonijiet biex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew dwar il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, il-karta jew karti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li jikkonċernaw oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet tas-sustanza jew tal-forma tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għall-verifika sussegwenti, dawn għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkunu nkisbu u li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur mhix korretta.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsejħu għal kwalunkwe evidenza u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk, u sa liema punt, id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx tista' titqies sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża t-tfassil ta', dokument li jkun fih informazzjoni skorretta għall-fini li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

Artikolu 11

Żoni ħielsa

1. L-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti kkummerċjalizzati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajr minn operazzjonijiet normali maħsubin sabiex jiġi evitat li jiddeterjoraw.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fit-Tuneżija jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jsirulhom trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS V

Kummerċ bejn ir-Repubblika tat-Turkija u l-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni

Artikolu 1

Il-prodotti elenkati hawn taħt għandhom jiġu esklużi mill-akkumulazzjoni li jipprevedi l-Artikolu 7 tal-Appendiċi I, jekk:

a) il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija jkun ir-Repubblika tat-Turkija, u:

(i) il-materjali użati fil-manifattura ta' dawn il-prodotti jkunu oriġinaw fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni; jew

(ii) dawn il-prodotti jkunu kisbu l-oriġini tagħhom fuq il-bażi ta' ħidma jew ipproċessar li jkunu saru fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni;

jew

b) il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija jkun kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u:

(i) il-materjali użati fil-manifattura ta' dawn il-prodotti jkunu joriġinaw fir-Repubblika tat-Turkija; jew

(ii) dawn il-prodotti jkunu kisbu l-oriġini tagħhom fuq il-bażi ta' ħidma jew ipproċessar imwettqa fir-Repubblika tat-Turkija.

Kodiċi NM	**Deskrizzjoni**
1704 90 99	Ħelu taz-zokkor ieħor, mingħajr kawkaw.
1806 10 30	Ċikkulata u preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw
1806 10 90	- Trab tal-kawkaw, li fih zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda:
	- - Li fihom 65 % jew aktar iżda inqas minn 80 % skont il-piż ta' sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju) jew isoglukożju espress bħala sukrożju
	- - Li fihom 80 % jew aktar skont il-piż ta' sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju) jew isoglukożju espress bħala sukrożju
1806 20 95	Preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw fi blokok, ċangaturi jew biċċiet sħaħ li jiżnu aktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulat jew xi forma oħra bl-ingrossa f'kontenituri jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut ta' aktar minn 2 kg
	-- Oħrajn
	--- Oħrajn
1901 90 99	Estratt tax-xgħir, preparati tal-ikel tad-dqiq, groats (xgħir u barli mitħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma fihomx kawkaw jew

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
	fihom inqas minn 40 % kawkaw skont il-piż ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, preparati tal-ikel minn merkanzija tal-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5 % kawkaw skont il-piż ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra - Oħrajn -- Oħrajn (għajr estratt tax-xgħir) --- Oħrajn
2101 12 98	Preparati oħrajn b'bażi ta' kafè
2101 20 98	Preparati oħrajn b'bażi ta' tè jew matè
2106 90 59	Preparati tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra - Oħrajn -- Oħrajn
2106 90 98	Preparati tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra: - Oħrajn (minbarra konċentrati ta' proteini u sustanzi ta' proteina b'konsistenza) -- Oħrajn --- Oħrajn
3302 10 29	Taħlitiet ta' sustanzi li jfuħu u taħlitiet (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' waħda jew aktar minn dawn is-sustanzi, ta' tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparati oħrajn ibbażati fuq sustanzi li jfuħu, ta' tip użati għall-manifattura tax-xorb: -Ta' tip użati fl-industriji tal-ikel u x-xorb --Ta' tip użati fl-industriji tax-xorb: ---Preparati li fihom l-aġenti kollha ta' taħwir li jikkaratterizzaw xarba: ----B'qawwa alkoħolika effettiva skont il-volum ta' aktar minn 0.5 % ----Oħrajn: -----Li ma fihomx xaħam tal-ħalib, sukrożju, isoglukożju, glukożju jew lamtu jew li, skont il-piż, fihom inqas minn 1.5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrożju jew isoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu -----Oħrajn

ANNESS VI

Kummerċ bejn ir-Repubblika tat-Turkija u r-Renju tal-Marokk

Artikolu 1

Il-merkanzija li tkun kisbet l-oriġini tagħha permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandha tiġi eskluża mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fit-Turkija

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fil-Marokk, fl-Alġerija jew fit-Tuneżija għandhom jitqiesu bħala li jkunu twettqu fit-Turkija meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar sussegwenti fit-Turkija. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fit-Turkija biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fil-Marokk

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fit-Turkija, fl-Alġerija jew fit-Tuneżija għandhom jitqiesu bħala li twettqu fil-Marokk meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar sussegwenti fil-Marokk. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fil-Marokk biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tat-Turkija jew tal-Marokk jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fil-Marokk, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fil-Marokk, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew tiġi mfassla dikjarazzjoni tal-oriġini, fit-Turkija jew fil-Marokk, għal prodotti oriġinarji, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw oġġetti li jkunu ġejjin mill-Alġerija, mill-Marokk, mit-Tuneżija jew mit-Turkija li jkunu ġew sottoposti għal ħidma jew ipproċessar f'dawn il-pajjiżi mingħajr ma

jkunu kisbu status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija fir-rigward ta' dawn il-prodotti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tal-ħidma jew l-ipproċessar li għalihom ikunu ġew sottoposti l-oġġetti kkonċernati fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fit-Turkija bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-oġġetti jkunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fil-Marokk u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta’ din il-Konvenzjoni.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f’każijiet previsti fil-paragrafu 4, issir mill-fornitur għal kull kunsinna ta’ oġġetti fil-forma preskritta fl-Anness C fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota ta' kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b’mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati.

4. Meta fornitur li jipprovdi, fuq bażi regolari, lil klijent partikolari b’oġġetti li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fit-Turkija, ikun mistenni jibqa’ kostanti għal perjodi konsiderevoli ta’ żmien, jista’ jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegwenti ta’ dawk l-oġġetti, minn hawn ’l quddiem imsejħa “dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul”.

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul normalment tista' tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness D u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b’mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tiġi pprovduta lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel kunsinna ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel kunsinna tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu minnufih jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma tkunx għadha applikabbli għall-merkanzija fornuta.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tiġi ttajpjata jew stampata f'waħda mil-lingwi li fihom tfassal dan il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandu jkollha fuqha l-firma oriġinali magħmula bil-miktub mill-fornitur. Id-dikjarazzjoni tista’ ssir ukoll bil-miktub; f’dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka u b’karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt u fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xierqa kollha li jixhdu li l-informazzjoni mogħtija f’din id-dikjarazzjoni hija korretta.

Artikolu 6

Dokumenti ta’ prova

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tagħti prova li l-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fit-Turkija, fit-Tuneżija, fil-Marokk jew fl-Alġerija skont il-materjali użati, imfassla f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 20 (3) u 18 (3) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użat bħala prova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini

jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fil-Marokk u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, ta' karti tal-konsenja jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, karta tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness. Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

Artikolu 8

Kooperazzjoni amministrattiva

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, it-Turkija u l-Marokk għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal perjodu fit-tul jistgħu jsiru b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn ikunu tqiesu dawn id-dikjarazzjonijiet biex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew dwar il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, il-karta jew karti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li jikkonċernaw oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet tas-sustanza jew tal-forma tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għall-verifika sussegwenti, dawn għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkunu nkisbu u li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur mhix korretta.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsejħu għal kwalunkwe evidenza u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-

informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk, u sa liema punt, id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx tista' titqies sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża t-tfassil ta', dokument li jkun fih informazzjoni skorretta għall-fini li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

Artikolu 11

Żoni ħielsa

1. It-Turkija u l-Marokk għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti nnegozjati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini li waqt it-trasport juzaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajr minn operazzjonijiet normali maħsubin sabiex jiġi evitat li jiddeterjoraw.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fil-Marokk jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jsirulhom trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS VII

Kummerċ bejn ir-Repubblika tat-Turkija u r-Repubblika tat-Tuneżija

Artikolu 1

Il-merkanzija li tkun kisbet l-oriġini tagħha permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandha tiġi eskluża mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fit-Turkija

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fil-Marokk, fl-Alġerija jew fit-Tuneżija għandhom jitqiesu bħala li jkunu twettqu fit-Turkija meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar sussegwenti fit-Turkija. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fit-Turkija biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fit-Tuneżija

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fit-Turkija, fil-Marokk jew fl-Alġerija għandhom jitqiesu bħala li twettqu fit-Tuneżija meta l-prodotti miksubin isirulhom ħidma jew ipproċessar sussegwenti fit-Tuneżija. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ pajjiżi kkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fit-Tuneżija biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tat-Turkija jew tat-Tuneżija jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew tiġi mfassla dikjarazzjoni tal-oriġini, fit-Turkija jew fit-Tuneżija, għal prodotti oriġinarji, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw oġġetti li jkunu ġejjin mill-Alġerija, mill-Marokk, mit-Tuneżija jew mit-Turkija li jkunu ġew sottoposti għal ħidma jew ipproċessar f'dawn il-pajjiżi mingħajr ma

jkunu kisbu status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija fir-rigward ta' dawn il-prodotti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tal-ħidma jew l-ipproċessar li għalihom ikunu ġew sottoposti l-oġġetti kkonċernati fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fit-Turkija bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-oġġetti jkunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fit-Tuneżija u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta’ din il-Konvenzjoni.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f’każijiet previsti fil-paragrafu 4, issir mill-fornitur għal kull kunsinna ta’ oġġetti fil-forma preskritta fl-Anness C fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota ta' kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b’mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati.

4. Meta fornitur li jipprovdi, fuq bażi regolari, lil klijent partikolari b’oġġetti li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar fl-Alġerija, fil-Marokk, fit-Tuneżija jew fit-Turkija, ikun mistenni jibqa’ kostanti għal perjodi konsiderevoli ta’ żmien, jista’ jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegwenti ta’ dawk l-oġġetti, minn hawn ’l quddiem imsejħa “dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul”.

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul normalment tista' tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness D u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b’mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tiġi pprovduta lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel kunsinna ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel kunsinna tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu minnufih jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma tkunx għadha applikabbli għall-merkanzija fornuta.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tiġi ttajpjata jew stampata f'waħda mil-lingwi li fihom tfassal dan il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandu jkollha fuqha l-firma oriġinali magħmula bil-miktub mill-fornitur. Id-dikjarazzjoni tista’ ssir ukoll bil-miktub; f’dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka u b’karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt u fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xierqa kollha li jixhdu li l-informazzjoni mogħtija f’din id-dikjarazzjoni hija korretta.

Artikolu 6

Dokumenti ta’ prova

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tagħti prova li l-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fit-Turkija, fit-Tuneżija, fil-Marokk jew fl-Alġerija skont il-materjali użati, imfassla f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 20 (3) u 18 (3) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użat bħala prova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini

jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fit-Tuneżija u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, ta' karti tal-konsenja jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, karta tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness. Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

Artikolu 8

Kooperazzjoni amministrattiva

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, it-Turkija u t-Tuneżija għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal perjodu fit-tul jistgħu jsiru b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn ikunu tqiesu dawn id-dikjarazzjonijiet biex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew dwar il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, il-karta jew karti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li jikkonċernaw oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet tas-sustanza jew tal-forma tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għall-verifika sussegwenti, dawn għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkunu nkisbu u li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur mhix korretta.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsejħu għal kwalunkwe evidenza u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-

informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk, u sa liema punt, id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx tista' titqies sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża t-tfassil ta', dokument li jkun fih informazzjoni skorretta għall-fini li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

Artikolu 11

Żoni ħielsa

1. It-Turkija u t-Tuneżija għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti nnegozjati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini li waqt it-trasport juzaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajr minn operazzjonijiet normali maħsubin sabiex jiġi evitat li jiddeterjoraw.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fit-Turkija jew fit-Tuneżija jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jsirulhom trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS VIII

Kummerċ bejn l-Istati tal-EFTA u r-Repubblika tat-Tuneżija

Artikolu 1

Il-prodotti li jkunu kisbu l-oriġini permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandhom jiġu eskluży mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni fi Stat tal-EFTA

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fit-Tuneżija għandhom jitqiesu bħala li jkunu twettqu fi Stat tal-EFTA meta l-prodotti miksubin jgħaddu minn ħidma jew ipproċessar sussegwenti fi Stat tal-EFTA. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-Partijiet ikkonċernati, għandhom jitqiesu li joriġinaw fi Stat tal-EFTA biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Akkumulazzjoni fit-Tuneżija

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fl-Istati tal-EFTA għandhom jitqiesu bħala li twettqu fit-Tuneżija meta l-prodotti miksubin isirulhom ħidma jew ipproċessar sussegwenti fit-Tuneżija. F'każijiet fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ Partijiet ikkonċernati jew aktar, dawn għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw fit-Tuneżija biss jekk il-ħidma jew l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 (4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat tal-EFTA jew tat-Tuneżija jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21 (2) u (3) tal-Appendiċi I, dikjarazzjoni tal-oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.

Artikolu 5

Dikjarazzjoni tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1, jew tiġi mfassla dikjarazzjoni tal-oriġini, fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija, għal prodotti oriġinarji, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw oġġetti li jkunu ġejjin mit-Tuneżija jew mill-Istati tal-EFTA li jkunu ġew sottoposti għal ħidma jew ipproċessar f'dawn il-pajjiżi mingħajr ma jkunu

kisbu status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija fir-rigward ta' dawn il-prodotti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha sservi bħala prova tal-ħidma jew l-ipproċessar li għalihom ikunu ġew sottoposti l-oġġetti kkonċernati fit-Tuneżija jew fl-Istati tal-EFTA bil-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw dawn l-oġġetti, ikunux jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Istati tal-EFTA jew fit-Tuneżija u jekk ikunux jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief f'każijiet previsti fil-paragrafu 4, issir mill-fornitur għal kull kunsinna ta' oġġetti fil-forma preskritta fl-Anness E fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota ta' kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati.

4. Meta fornitur li jipprovdi, fuq bażi regolari, lil klijent partikolari b'oġġetti li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar fit-Tuneżija jew fl-Istati tal-EFTA, ikun mistenni jibqa' kostanti għal perjodi konsiderevoli ta' żmien, jista' jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegwenti ta' dawk l-oġġetti, minn hawn 'l quddiem imsejħa "dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul".

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul normalment tista' tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn titfassal id-dikjarazzjoni jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness D u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tiġi pprovduta lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel kunsinna ta' oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel kunsinna tiegħu.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu minnufih jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma tkunx għadha applikabbli għall-merkanzija fornuta.

5. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandha tiġi ttajpjata jew stampata f'waħda mil-lingwi li fihom tfassal dan il-Ftehim, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż fejn titfassal, u għandu jkollha fuqha l-firma oriġinali magħmula bil-miktub mill-fornitur. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; f'dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka u b'karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta, fi kwalunkwe waqt u fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni, id-dokumenti xierqa kollha li jixhdu li l-informazzjoni mogħtija f'din id-dikjarazzjoni hija korretta.

Artikolu 6

Dokumenti ta' prova

Dikjarazzjoni tal-fornitur li tagħti prova li l-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fl-Istati tal-EFTA jew fit-Tuneżija skont il-materjali użati, imfassla f'wieħed minn dawn il-pajjiżi, għandha titqies bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 20 (3) u 18 (3) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 5 (6) ta' dan l-Anness użat bħala prova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini jkunu jistgħu

jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.

Artikolu 7

Żamma tad-dikjarazzjoni tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fattura, ta' karti tal-konsenja jew ta' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li miegħu tkun annessa din id-dikjarazzjoni kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, karta tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 5(6) ta' dan l-Anness. Il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

Artikolu 8

Kooperazzjoni amministrattiva

Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-Istati tal-EFTA u t-Tuneżija għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 9

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal perjodu fit-tul jistgħu jsiru b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn ikunu tqiesu dawn id-dikjarazzjonijiet biex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew dwar il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dan id-dokument.

2. Għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jirritornaw id-dikjarazzjoni u l-fattura jew fatturi tal-fornitur, il-karta jew karti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li jikkonċernaw oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, filwaqt li meta xieraq jagħtu r-raġunijiet tas-sustanza jew tal-forma tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għall-verifika sussegwenti, dawn għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkunu nkisbu u li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur mhix korretta.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur. Għal dan il-għan, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsejħu għal kwalunkwe evidenza u jagħmlu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

4. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika minnufih. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-

informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx korretta u jippermettulhom jiddeterminaw jekk, u sa liema punt, id-dikjarazzjoni tal-fornitur tkunx tista' titqies sabiex jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew sabiex titfassal dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 10

Sanzjonijiet

Għandhom jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża t-tfassil ta', dokument li jkun fih informazzjoni skorretta għall-fini li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

Artikolu 11

Żoni ħielsa

1. L-Istati tal-EFTA u t-Tuneżija għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti kummerċjalizzati taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini, li waqt it-trasport jużaw żona libera li tkun tinsab fit-territorju tagħhom, ma jinbidlux b'oġġetti oħra u ma jgħaddu minn l-ebda tip ta' trattament għajr minn operazzjonijiet normali maħsubin sabiex jiġi evitat li jiddeterjoraw.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija jiġu importati f'żona libera taħt il-kopertura ta' prova tal-oriġini u jsirulhom trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 ġdid fuq talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkunu għaddew minnu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

ANNESS IX

Kummerċ fil-qafas tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn il-Pajjiżi Għarab tal-Mediterran (il-Ftehim ta’ Agadir)

Prodotti miksubin fil-pajjiżi membri tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn il-Pajjiżi Għarab tal-Mediterran (il-Ftehim ta’ Agadir) minn materjali mill-kapitoli minn 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata huma esklużi mill-akkumulazzjoni dijagonali mal-partijiet kontraenti l-oħrajn, meta l-kummerċ ta’ dawn il-materjali ma jkunx liberalizzat fil-qafas tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles konklużi bejn il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija u l-pajjiż tal-oriġini tal-materjali użati għall-manifattura ta' dan il-prodott.

ANNESS X

Il-kummerċ kopert mill-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) li jinvolvi r-Repubblika tal-Moldova u l-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea

Artikolu 1

Esklużjonijiet minn akkumulazzjoni tal-oriġini

Il-prodotti li jkunu kisbu l-oriġini tagħhom permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness għandhom jiġu eskluži mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Kumulazzjoni tal-oriġini

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqa fir-Repubblika tal-Moldova jew mill-parteċipanti fil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Istati Partijiet tas-CEFTA"), għandhom jitqiesu li twettqu fi kwalunkwe Stat Parti tas-CEFTA meta l-prodotti miksubin tkun saritilhom ħidma jew ipproċessar sussegwenti fl-Istat Parti tas-CEFTA kkonċernat. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu fi tnejn jew aktar mill-Partijiet ikkonċernati, għandhom jitqiesu li joriġinaw fi Stat Parti tas-CEFTA kkonċernat biss jekk il-ħidma u l-ipproċessar ikunu jmorru lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Provi tal-oriġini

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(4) u (5) tal-Appendiċi I, ċertifikat tal-moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Parti tas-CEFTA jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat Parti tas-CEFTA, bl-applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(2) u (3) tal-Appendiċi I, tista' ssir dikjarazzjoni tal-oriġini jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat Parti tas-CEFTA, b'applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.*Artikolu 4*

Dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew issir dikjarazzjoni tal-oriġini fi Stat Parti tas-CEFTA għall-prodotti oriġinarji li waqt il-manifattura tagħhom, ikunu intużaw oġġetti ġejjin minn Stati Partijiet oħrajn tas-CEFTA li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar f'dawn l-Istati Partijiet mingħajr ma jkunu kisbu status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija għal dawk l-oġġetti skont dan l-Artikolu.

2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha sservi ta' evidenza għall-ħidma jew l-ipproċessar imwettqa fl-Istati Partjiet tas-CEFTA mill-oġġetti kkonċernati, bl-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li waqt il-manifattura

tagħhom jintużaw dawk l-oġġetti jistgħux jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Istati Partijiet tal-CEFTA u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra tal-Appendiċi I.

3. Dikjarazzjoni separata tal-fornitur għandha, ħlief fil-każijiet previsti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, issir mill-fornitur għal kull kunsinna ta' oġġetti fil-forma preskritta fl-Anness G ta' dan l-Appendiċi fuq folja tal-karta annessa mal-fattura, man-nota ta' kunsinna jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati.

4. Meta fornitur li jipprovdi, fuq bażi regolari, lil klijent partikolari b'oġġetti li jkunu sarulhom ħidma jew ipproċessar fl-Istati Partijiet tas-CEFTA, ikun mistenni jibqa' kostanti għal perjodu konsiderevoli ta' żmien, jista' jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur waħda sabiex tkopri kunsinni sussegwenti ta' dawk l-oġġetti ("dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul").

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul normalment tista' tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn sena mid-data tat-tfassil tad-dikjarazzjoni. L-awtorità doganali ta' Stat Parti tas-CEFTA fejn issir id-dikjarazzjoni tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandha titfassal fil-forma preskritta fl-Anness H ta' din l-Appendiċi u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati b'mod li jkun dettaljat biżżejjed li jippermetti li jkunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tingħata lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel kunsinna tal-merkanzija koperta minn dik id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel kunsinna.

Il-fornitur għandu jinforma lill-klijent tiegħu minnufih jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma tkunx għadha applikabbli għall-merkanzija fornuta.

5. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ttajpjati jew stampati bl-Ingliż, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, u għandu jkollhom il-firma oriġinali tal-fornitur fil-manuskritt. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; f'dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka u b'karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li jippreżenta fi kwalunkwe mument, meta jintalab mill-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova li l-informazzjoni mogħtija f'dik id-dikjarazzjoni hi korretta.

Artikolu 5

Dokumenti ta' prova

Dikjarazzjonijiet tal-fornitur li jagħtu prova li l-ħidma jew l-ipproċessar li jkunu twettqu fl-Istati Partijiet tal-CEFTA skont il-materjali użati, imfassla f'wieħed minn dawk il-partijiet, għandhom jitqiesu bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 16(3) u 21(5) tal-Appendiċi I u fl-Artikolu 4(6) ta' dan l-Anness użat bħala prova li l-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew minn dikjarazzjoni tal-oriġini jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat Parti tas-CEFTA u li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra tal-Appendiċi I.

Artikolu 6

Żamma tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

Il-fornitur li jfassal dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni, u tal-fatturi u tal-karti tal-konsenja kollha, jew ta' kwalunkwe dokumenti kummerċjali oħrajn li magħhom tkun annessa dik id-dikjarazzjoni, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(6) ta' dan l-Anness.

Il-fornitur li jagħmel dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għandu jżomm, għal mill-anqas tliet snin, kopji tad-dikjarazzjoni u ta' kull fattura, karta tal-konsenja jew kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jkollu x'jaqsam mal-oġġetti koperti b'dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(6) ta' dan l-Anness. Dak il-perjodu għandu jibda mid-data tal-iskadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

Artikolu 7

Kooperazzjoni amministrattiva

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 31 u 32 tal-Appendiċi I, sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Anness, l-Istati Partijiet tal-CEFTA għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, fil-verifikazzjoni tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, tad-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur u tal-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawk id-dokumenti.

Artikolu 8

Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal perjodu twil jistgħu jsiru b'mod każwali jew kull meta l-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn ikunu tqiesu dawk id-dikjarazzjonijiet biex jintuża ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini, ikollha dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew dwar il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija fih.

2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tirritorna d-dikjarazzjoni tal-fornitur jew id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil u l-fatturi, in-noti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħrajn li jikkonċernaw l-oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, u fejn xieraq, tagħti r-raġunijiet tas-sustanza jew tal-forma tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għall-verifika sussegwenti, dawn għandhom jibagħtu kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkunu nkisbu u li jkunu jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur jew fid-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul mhix korretta.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur jew id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul. Għal dak l-għan, għandu jkollha d-dritt li titlob kwalunkwe evidenza u li twettaq kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe verifika oħra li tqis xierqa.

4. L-awtorità doganali li titlob il-verifika għandha tkun informata bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawk ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur jew fid-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu twil hix korretta u jagħmluha possibbli biex dawn ikunu jistgħu

jiddeterminaw jekk u kemm din id-dikjarazzjoni tista' titqies għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 9

Penali

Għandhom jiġu imposti penali fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża t-tfassil ta', dokument li jkun fih informazzjoni skorretta għall-fini li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

Artikolu 10

Projbizzjoni tar-rifużjoni tad-dazji doganali jew l-eżenzjoni minnhom

Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 14 tal-Appendiċi I ma għandhiex tapplika fil-kummerċ bilaterali bejn l-Istati Partijiet tas-CEFTA.

ANNESS A

Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Jiena, hawn taħt iffirmat, fornitur tal-merkanzija koperta bid-dokument mehmuż, niddikjara li:

1. Il-materjali li ġejjin li ma joriġinawx fl-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija, intużaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta (1)	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati (2)	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati (2)(3)
		Total	

2. Il-materjali l-oħrajn kollha użati fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija;

3. Il-merkanzija li ġejja ġiet maħduma jew ipproċessata barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	Valur miżjud totali miksub barra l-Unjoni Ewropea, il-Marokk jew it-Tuneżija (4)
	(Post u data)

(Indirizz u firma tal-fornitur; minbarra dan, isem il-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

(1) Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinhemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

(2) L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fl-Alġerija juża drapp importat mill-Unjoni Ewropea li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-Unjoni Ewropea li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali raden.

Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

(3) "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija. Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

(4) "Valur miżjud totali" għandha tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

ANNESS B

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu twil, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR GĦAL PERJODU TWIL

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Jiena, is-sottoskritt, fornitur tal-oġġetti koperti b'dan id-dokument, li jiġu fornuti b'mod regolari lil …… [(1)] niddikjara li:

1. Il-materjali li ġejjin li ma joriġinawx fl-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija, intużaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta [(2)]	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati [(3)]	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati [(3)(4)]
		Total	

2. Il-materjali l-oħrajn kollha użati fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija;

3. Il-merkanzija li ġejja ġiet maħduma jew ipproċessata barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	Valur miżjud totali miksub barra l-Unjoni Ewropea, il-Marokk jew it-Tuneżija [(5)]

Din id-dikjarazzjoni hija valida għall-kunsinni kollha sussegwenti ta' dawn l-oġġetti mibgħutin minn……

lejn……..... [(6)]

Jiena nintrabat li ninforma lil……[1] immedjatament jekk din id-dikjarazzjoni ma tkunx aktar valida.

……

(Post u data)

……

……

……

(Indirizz u firma tal-fornitur;

addizzjonalment, isem il-persuna li tiffirma

d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'kitba ċara)

[1] L-isem u l-indirizz tal-klijent

[2] Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinhemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

[3] L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fl-Alġerija juża drapp importat mill-Unjoni Ewropea li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-Unjoni Ewropea li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali raden.

Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

[4] "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fl-Unjoni Ewropea, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija. Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

[5]) "Valur miżjud totali" għandha tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra mill-Unjoni Ewropea, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

[6] Daħħal id-dati. Normalment il-perjodu tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma jkunx jaqbeż it-12-il xahar, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

ANNESS C

Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Jiena, hawn taħt iffirmat, fornitur tal-merkanzija koperta bid-dokument mehmuż, niddikjara li:

1. Il-materjali li ġejjin li ma joriġinawx fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija, intużaw fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta (1)	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati (2)	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati (2)(3)
		Total	

2. Il-materjali l-oħrajn kollha użati fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija;

3. Il-merkanzija li ġejja ġiet maħduma jew ipproċessata barra mit-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	Valur miżjud totali miksub barra t-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija (4)
	(Post u data)

(Indirizz u firma tal-fornitur; minbarra dan, isem il-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

(1) Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinhemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

(2) L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fit-Tuneżija juża drapp importat mit-Turkija li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tat-Turkija li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali raden.

Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

(3) "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija. Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

(4) "Valur miżjud totali" għandha tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra mit-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra mit-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

ANNESS D

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu twil, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR GĦAL PERJODU TWIL

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Jiena, is-sottoskritt, fornitur tal-oġġetti koperti b'dan id-dokument, li jiġu fornuti b'mod regolari lil …… (1) niddikjara li:

1. Il-materjali li ġejjin li ma joriġinawx fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija, intużaw fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta (2)	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati (3)	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati (3)(4)
		Total	

2. Il-materjali l-oħrajn kollha użati fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija;

3. Il-merkanzija li ġejja ġiet maħduma jew ipproċessata barra mit-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	Valur miżjud totali miksub barra t-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija (5)

Din id-dikjarazzjoni hija valida għall-kunsinni kollha sussegwenti ta' dawn l-oġġetti mibgħutin minn……

lejn……..... (6)

Jiena nintrabat li ninforma lil……[1] immedjatament jekk din id-dikjarazzjoni ma tkunx aktar valida.

……

(Post u data)

……

……

……

(Indirizz u firma tal-fornitur;

addizzjonalment, isem il-persuna li tiffirma

d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'kitba ċara)

[1] L-isem u l-indirizz tal-klijent

[2] Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinhemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

[3] L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fit-Tuneżija juża drapp importat mit-Turkija li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tat-Turkija li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali raden.

Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

[4] "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fit-Turkija, fl-Alġerija, fil-Marokk jew fit-Tuneżija. Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

[5] "Valur miżjud totali" għandha tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra mit-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra mit-Turkija, l-Alġerija, il-Marokk jew it-Tuneżija għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

[6] Daħħal id-dati. Normalment il-perjodu tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma jkunx jaqbeż it-12-il xahar, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

ANNESS E

Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Jiena, hawn taħt iffirmat, fornitur tal-merkanzija koperta bid-dokument mehmuż, niddikjara li:

1. Il-materjali li ġejjin li ma joriġinawx fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija intużaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta (1)	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati (2)	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati (2)(3)
		Total	

2. Il-materjali l-oħra kollha użati fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija;

3. Il-merkanzija li ġejja ġiet maħduma jew ipproċessata barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	Valur miżjud totali miksub barra Stat tal-EFTA jew it-Tuneżija (4)
	(Post u data)
	(Indirizz u firma tal-fornitur; minbarra dan, isem il-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

[(1)] Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinhemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

[(2)] L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu 62 tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fit-Tuneżija juża drapp importat minn Stat tal-EFTA li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-Istat tal-EFTA li jiddeskrivi fid-dikjarazzjoni tiegħu l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali raden.

Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

[(3)] "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija. Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

[(4)] "Valur miżjud totali" għandha tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

ANNESS F

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu twil, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR GĦAL PERJODU TWIL

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Jiena, is-sottoskritt, fornitur tal-oġġetti koperti b'dan id-dokument, li jiġu fornuti b'mod regolari lil …… [(1)] niddikjara li:

1. Il-materjali li ġejjin li ma joriġinawx fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija intużaw fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-oġġetti fornuti [(2)]	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati [(3)]	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati [(3)(4)]
		Total	

2. Il-materjali l-oħra kollha użati fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija;

3. Il-merkanzija li ġejja ġiet maħduma jew ipproċessata barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I ta' din il-Konvenzjoni u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	Valur miżjud totali miksub barra Stat tal-EFTA jew it-Tuneżija [(5)]

Din id-dikjarazzjoni hija valida għall-kunsinni kollha sussegwenti ta' dawn l-oġġetti mibgħutin minn……

lejn……..[(6)]

Jiena nintrabat li ninforma lil……[1] immedjatament jekk din id-dikjarazzjoni ma tkunx aktar valida.

……

(Post u data)

……

……

……

(Indirizz u firma tal-fornitur;

addizzjonalment, isem il-persuna li tiffirma

d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'kitba ċara)

[1] L-isem u l-indirizz tal-klijent

[2] Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinhemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

[3] L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu 62 tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fit-Tuneżija juża drapp importat minn Stat tal-EFTA li hemmhekk kien miksub minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-Istat tal-EFTA li jiddeskrivi fid-dikjarazzjoni tiegħu l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali raden.

Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

[4] "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali fi Stat tal-EFTA jew fit-Tuneżija. Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

[5] "Valur miżjud totali" għandha tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjudin hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra minn Stat tal-EFTA jew mit-Tuneżija għandu jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

[6] Daħħal id-dati. Normalment il-perjodu tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma jkunx jaqbeż it-12-il xahar, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

ANNESS G

Dikjarazzjoni tal-fornitur għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Istati Partijiet tas-CEFTA mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Istati Partijiet tas-CEFTA mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Jiena, hawn taħt iffirmat, fornitur tal-merkanzija koperta bid-dokument mehmuż, niddikjara li:

1. Dawn il-materjali li ġejjin, li ma joriġinawx fl-Istati Partijiet tas-CEFTA, ġew użati fl-Istati Partijiet tas-CEFTA sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta([1])	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati([2])	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati[(3)]
		Valur totali	

2. Il-materjali l-oħra kollha użati fl-Istati Partijiet tas-CEFTA sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fl-Istati Partijiet tas-CEFTA;

3. Il-merkanzija li ġejja sarulha ħidma jew ipproċessar barra minn Stati Partijiet tas-CEFTA skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli

---

[1] Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinhemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom. Eżempju:
Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

[2] L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ. Eżempji:
Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu 62 tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fis-Serbja juża drapp li huwa importat mill-Montenegro li jkun inkiseb hemm minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-Montenegro li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali raden.
Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

[3] "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali f'wieħed mill-Istati Partijiet tas-CEFTA. Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat irid jingħata għal kull unità tal-merkanzija speċifikata fl-ewwel kolonna.

preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	Valur miżjud totali miksub barra l-Istati Partijiet tas-CEFTA[4]
…….	…….
…….	…….
…….	…….
…….	…….

…….

(Post u data)

…….

…….

…….

(Indirizz u firma tal-fornitur; minbarra dan, isem il-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

[4] "Valur miżjud totali" għandha tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra mill-Istati Partijiet tas-CEFTA, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjuda hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra l-Istati Partijiet tas-CEFTA jrid jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

ANNESS H

Dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Istati Partijiet tas-CEFTA mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu twil, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna ma jridux jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR GĦAL PERJODU TWIL

għall-merkanzija li jkunu sarulha ħidma jew ipproċessar fl-Istati Partijiet tas-CEFTA mingħajr ma jkun inkiseb status oriġinarju preferenzjali

Jiena, is-sottoskritt, fornitur tal-oġġetti koperti b'dan id-dokument, li huma fornuti b'mod regolari lil …… [66] niddikjara li:

1. Il-materjali li ġejjin li ma joriġinawx fl-Istati Partijiet tas-CEFTA ġew użati fl-Istati Partijiet tas-CEFTA sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta([67])	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati([68])	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati[(69)]
		Valur totali	

66 Isem u indirizz tal-klijent.

67 Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor li magħhom tinħemeż id-dikjarazzjoni jkunu jirreferu għal tipi differenti ta' merkanzija, jew għal merkanzija li ma tinkorporax daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument hu relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jrid jintuża fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti minn mudell għal ieħor. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonni l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli biex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

68 L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonni jenħtieġ jingħataw biss jekk ikun meħtieġ.
Eżempji:
Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu 62 tgħid li jista' jintuża raden mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fis-Serbja juża drapp li huwa importat mill-Montenegro li jkun inkiseb hemm minn insiġ ta' raden mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-Montenegro li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala raden, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' tali raden. Jenħtieġ li produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieh minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji jindika "vireg tal-ħadid" fit-tieni kolonna. Jekk dan il-wajer jintuża fil-produzzjoni ta' magna, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu sa ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jenħtieġ jiġi indikat fit-tielet kolonna.

69 "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-mument tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw, jew, jekk dan mhux magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz imħallas li jkun jista' jiġi aċċertat għall-materjali f'wieħed mill-Istati Partijiet tas-CEFTA.
Il-valur eżatt għal kull materjal mhux oriġinarju użat irid jingħata għal kull unità tal-merkanzija speċifikata fl-ewwel kolonna.

2. Il-materjali l-oħra kollha użati fl-Istati Partijiet tas-CEFTA sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fl-Istati Partijiet tas-CEFTA;

3. Il-merkanzija li ġejja ġiet maħduma jew ipproċessata barra minn Stat Parti tas-CEFTA skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji u hemmhekk kisbet il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-merkanzija fornuta	ll-valur miżjud totali miksub barra mill-Istati Partijiet tas-CEFTA[70]

Din id-dikjarazzjoni hija valida għall-kunsinni kollha sussegwenti ta' dawn l-oġġetti mibgħutin minn……

lejn……..[71]..

Jien nintrabat li ninforma lil……[72] minnufih jekk din id-dikjarazzjoni ma tkunx aktar valida.

……

(Post u data)

……..

……..

……..

(Indirizz u firma tal-fornitur; minbarra dan, isem il-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)""

[70] "Valur miżjud totali" għandha tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra mill-Istati Partijiet tas-CEFTA, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjuda hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miksub barra l-Istati Partijiet tas-CEFTA jrid jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

[71] Daħħal id-dati. Normalment il-perjodu tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul ma jkunx jaqbeż it-12-il xahar, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal perjodu fit-tul.

[72] Isem u indirizz tal-klijent.